**Mistoqsijiet Parlamentari**

**Seduta Nru. 33**
**It-Tnejn, 17 ta' Ottubru, 2022 fl-4:00 p.m.**

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - KONSULENZI**

**966. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 337 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw bejn l-2017 u l-2022? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

26/05/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Filwaqt li nirreferi lill-Onor. Interpellant għar-risposti tal-mistoqsijiet parlamentari 12787, 16259 u 17927 tal-leġiżlatura preċedenti, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-informazzjoni għas-snin 2021 u 2022.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U L-INTRAPRIŻA - KONSULENZI**

**967. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlametari 338 u tagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw bejn l-2017 u l-2022? Tista' tgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Tista' tgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

26/05/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni dwar servizzi ta' konsulenza mitluba tiġi ppubblikata kull sitt 6 xhur fuq il-gazzetta tal-Gvern.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-FINANZI U X-XOGĦOL - KONSULENZI**

**968. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 339 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw bejn l-2017 u l-2022? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

26/05/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari Numru 339.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI, L-ISPORT, IŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IR-RIĊERKA U L-INNOVAZZJONI - KONSULENZI**

**969. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru u/jew Segretarju Parlamentari jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 340 u jagħti rendikont tal-ammont ta' konsulenzi li tħallsu mill-Ministeru bejn l-2017 u l-2022? Lil min ingħataw u f'liema ammonti ngħataw? Jista' jgħid min huma l-konsulenti u b'liema proċess ġew maħtura konsulenti? Jista' jgħid ukoll x'tip ta' servizz taw u x'tip ta' kuntratti kienu?

26/05/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 33
17/10/2022

**DIRETTIVA 2019/1158 - TRASPOŻIZZJONI**

**1068. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru:
Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jagħti aġġornament ta' x'valutazzjoni ta' impatt sar, qiegħed isir, jew se jsir dwar it-traspożizzjoni tad-Direttiva 2019/1158 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata, liema direttiva għandha tiġi implimentata sa mhux aktar tard mit-2 ta' Awwissu ta' din is-sena?

27/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li bħal f'kull każ ieħor, il-valutazzjoni ta' impatt dwar it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva msemmija kien parti mill-proċess tal-implimentazzjoni u t-traspozizzjoni tal-istess Direttiva, skont il-proċeduri tal-Gvern.

Seduta 33
17/10/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – LAQGĦAT U KONSULTAZZJONIJIET MA' ORGANIZZAZZJONIJIET PERTINENTI**

**1069. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru, permezz tas-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, jagħti lista ta' laqgħat u konsultazzjonijiet li saru s'issa ma' organizzazzjonijiet pertinenti, jiġifieri mas-soċjetà ċivili, ma' assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema, u ma' assoċjazzjonijiet ta' min iħaddem u ma' kwalunkwe entità oħra interessata, dwar l-implimentazzjoni tad-drittijiet fid-Direttiva 2019/1158 dwar il-Bilanċ bejn ix-Xogħol u l-Ħajja Privata?

27/05/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Gvern daħal f'sensiela ta' laqgħat matul fix-xhur u s-snin li għaddew fil-fora relevanti, inkluż fil-Bord dwar ir-Relazzjonijiet dwar l-Impiegi u anke b'mod individwali ma' rappreżentanti ta' ħaddiema u ta' min iħaddem, biex b'hekk seta' jintlaħaq l-aħjar bilanċ bejn iż-żewġ partijiet.

Seduta 33
17/10/2022

**IL-PITKALIJA - SPEZZJONIJIET FUQ PRODOTTI**

**1334. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali:
Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 608 u jgħid jekk hux qed isiru spezzjonijiet biex jiġi assigurat li ma jiddaħħlux prodotti importati minn barra l-pajjiż fil-Pitkalija? Kemm saru spezzjonijiet minn meta l-Pitkalija għaddiet taħt din l-Aġenzija sad-data li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Kien hemm okkażjonijiet fejn instab li kienu qegħdin jiddaħħlu prodotti importati minn barra l-pajjiż fil-Pitkalija? X'miżuri ttieħdu fil-konfront ta' min jinqabad idaħħal dawn il-prodotti importati minn barra l-pajjiż fil-Pitkalija?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li wara ħidma kontinwa, f'Ġunju li għadda l-Aġenzija fetħet uffiċjalment Unità tas-Sorveljanza. Dan l-uffiċċju għamel numru ta' spezzjonijiet fil-Pitkalija fuq ix-xogħol li jidħol u jinbiegħ lix-xerrejja; għand il-bdiewa f'Malta u f'Għawdex u fis-Suq tal-Bdiewa. Kien hemm numru ta' każijiet li ġew segwiti iktar mill-qrib u fejn tkompliet iktar investigazzjoni. Għalkemm sal-lum ma kien hemm l-ebda każ ikkonfermat ta' xogħol impurtat li ddaħħal ġewwa l-Pitkalija, il-ħidma tal-Unità twassal messaġġ ċar li l-kontrolli qed isiru kontinwament.

Fejn ikun hemm il-bżonn, l-Aġenzija ser tkun qed timplimenta l-miżuri maħruġa mil-liġijiet rispettivi u l-proċeduri interni stabbiliti.

Spezzjonijiet li saru sa issa:
21 spezzjonijiet ta' traċċabilità fl-għelieqi fejn jiġu mkabbra l-uċuħ
104 spezzjonijiet fil-Pitkalija għand l-Aġenti
29 spezzjonijiet fis-Swieq tal-Bdiewa.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – STUDENTI LI GGRADWAW MILL-MCAST**

**1335. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 144, peress li parti mill-mistoqsija ma kinetx qed titlob l-esperjenza li jingħataw waqt li għadhom studenti, iżda fuq x'ħidma jagħmel il-Ministeru biex wara li jiggradwaw, dawn il-persuni jinstabilhom xogħol skont il-kwalifiki li jkunu ġabu, jista' l-Ministru jwieġeb f'dan ir-rigward?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi t-tweġiba kienet diġà mogħtija fl-ewwel parti tar-risposta għall-Mistoqsija Parlamentari 144.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – STUDENTI LI GGRADWAW MILL-MCAST**

**1336. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 145 u jgħid kemm ġew impjegati persuni li ggradwaw f'xi wieħed mill-korsijiet offruti mill-MCAST (Istitut tax-Xjenzi Applikati) fl-entitajiet kollha li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu bejn Jannar 2010 u Diċembru 2021?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Nerġa' ngħarraf lill-Onor. Interpellant illi l-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli, inkluż l-entitajiet, minn żmien għal żmien joħorġu sejħiet għall-applikazzjoni b'talba għall-kwalifiki speċifiċi u/jew tekniċi skont in-natura tal-postijiet vakanti, skont il-manual tal-PSMC.

Seduta 33
17/10/2022

**BEJGĦ TA' ART AGRIKOLA**

**1337. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: B'referenza għar-risposta għall-mistoqsija parlamentari 146, jista' l-Ministru jgħid meta u lil min ġew proposti d-diversi miżuri finanzjarji u fiskali u x'inhuma t-timeframes għat-tħejjija tal-pjan ta' implimentazzjoni li semma l-Ministru?

02/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta għall-mistoqsija parlamentari 146 tirreferi għall-proposti li l-Partit Laburista ppropona fil-Manifest Elettorali u li issa dawn ser jidħlu fil-pjan tal-Gvern għal din il-leġiżlatura. Kif diġà infurmajt, il-Ministeru li tiegħu jien responsabbli ser inkun qed iħejji pjan ta' implimentazzjoni.

Seduta 33
17/10/2022

**PITKALIJA - DEPOT GĦALL-KAXXI F'GĦAWDEX**

**1527. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Peress li l-bdiewa Għawdxin qed jaħlu ħafna ħin jistennew il-Pitkalija biex jieħdu l-kaxxi tal-Pitkalija lura magħhom Għawdex, jista' l-Ministru jara li jsir depot apposta għall-kaxxi tal-Pitkalija f'Għawdex stess u l-bdiewa Għawdxin jibdew jiġbru dawn il-kaxxi minn Għawdex?

13/06/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Malta Food Agency diġà ħadet passi sabiex bdiewa Għawdxin ma jdumux jistennew il-kaxxi mid-depot tal-Pitkalija.

Seduta 33
17/10/2022

**PITKALIJA - DEPOT GĦALL-KAXXI F'GĦAWDEX**

**1528. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Peress li l-bdiewa Għawdxin qed jaħlu ħafna ħin jistennew il-Pitkalija biex jieħdu l-kaxxi tal-Pitkalija lura magħhom Għawdex, jista' l-Ministru jara li jsir depot apposta għall-kaxxi tal-Pitkalija f'Għawdex stess u l-bdiewa Għawdxin jibdew jiġbru dawn il-kaxxi minn Għawdex?

13/06/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li se nikkunsidra s-suġġeriment.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI U L-IPPJANAR – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1776. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1777. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Qed npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra dokument bl-informazzjoni mitluba.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA – ENTITAJIET U AWTORITAJIET – KWALIFIKI AKKEDEMIĊI TA' CHAIRPERSONS TA' BORDIJIET**

**1778. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid xi kwalifiki akkademiċi għandhom is-CEOs u ċ-Chairpersons tal-Bordijiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu skont l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 33
17/10/2022

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI ENTITÀ**

**1779. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li ma hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEOs jew Chairpersons ta' xi entità/awtorità fid-dekasteru tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Seduta 33
17/10/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1780. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi taħt id-dekasteru tal- Ministru għas-Saħħa, m'hemmx persuni impjegati ma istess entità/awtorità li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI U L-GVERN LOKALI – PERSUNI IMPJEGATI RELATATI MAS-CEO JEW CHAIRPERSON TA' XI AWTORITÀ**

**1781. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk fl-entitajiet u fl-awtoritajiet li jaqgħu taħt id-dekasteru tiegħu, hemmx persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità? X'inhu l-job designation tagħhom? Jekk it-tweġiba hi fil-pożittiv, jista' l-Ministru jgħid kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?

20/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taht:

| **Entità / Awtorità** | **Persuni impjegati li huma relatati b'affinità, jew konsangwinament mas-CEO jew Chairperson tal-istess entità/awtorità?** | **Job Description** | **Kif dawn l-istess persuni ġew impjegati ma' dik l-entità/awtorità?** |
|---|---|---|---|
| Kottonera Foundation | Nil | Nil | Nil |
| National Archives of Malta | Nil | Nil | Nil |
| Malta Philharmonic Orchestra | Nil | Nil | Nil |
| Teatru Manoel | Nil | Nil | Nil |
| ACM (including PTR U Zfin Malta) | Nil | Nil | Nil |
| Festivals Malta | Nil | Nil | Nil |
| Heritage Malta | Persuna wahda | Principal Officer (Finance) | Infurmat li s-Sinjura de quo ġiet impjegata awtomatikament wara li l-Malta Centre Restoration ġie assorbit minn Heritage Malta fl-2005 |
| Heritage Malta | Persuna wahda | Principal Officer (IT, IS & Innovation ) | Infurmat li l-persuna de quo kien impjegata b'sejħa pubblika. |

| | | | |
|---|---|---|---|
| Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti | Nil | Nil | Nil |
| VCA | Nil | Nil | Nil |
| PBS | Nil | Nil | Nil |
| Malta Libraries | Nil | Nil | Nil |
| St John's Co-Cathedral Foundation | Nil | Nil | Nil |
| SCH | Nil | Nil | Nil |
| Fondazzjoni Centru Kreattivita | Nil | Nil | Nil |

Seduta 33
17/10/2022

**UNIVERSITÀ TA' MALTA – KORS TA' DIPLOMA IN THE LAWS OF PROCEDURE**

**2278. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jindika jekk il-kors ta' *Diploma in the Laws of Procedure* huwiex se jinfetaħ tul din is-sena akkademika u jistax jindika kemm hemm studenti preżentement li qegħdin isegwu l-istess kors?

19/07/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-applikazzjonijiet għall-kors tad-Diploma in the Laws of Procedure għas-sena akkademika 2022/2023 huma miftuħin.

Ninfurmah ukoll li preżentament hemm tlettax -il student (13) li qiegħed isegwi l-kors imsemmi.

Seduta 33
17/10/2022

**ĠNIEN BORMLA - MANUTENZJONI**

**2279. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tinforma lill-Kamra x'passi se jittieħdu sabiex dak li hu magħruf bħala Ġnien Bormla jiġi kkurat aħjar, jissaqqa u jkun hemm aktar siġar imħawwlin fih?

19/07/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Dan il-ġnien fin-Nofsinhar ta' Malta ser ikun qed jingħata dehra aħjar billi se jsir xogħol ta' tneħħija ta' bandli u strutturi dilapitadi u mkissrin, qtugħ ta' ħaxix, tneħħija ta' siġar u arbuxelli aljeni u invażivi u flokhom se jitħawlu siġar indiġeni.
Fil-fatt diġà bdew ċertu xogħlijiet, fosthom żbir ta' siġar, qtugħ ta' ħaxix u tneħħija ta' siġar invasivi. Issa fil-perjodu tal-ħarifa ser inkunu qed inħawlu siġar indiġeni billi huwa l-istaġun ideali għat-twettiq ta' dawn ix-xogħlijiet.

Seduta 33
17/10/2022

**ĠNIEN BORMLA - MANUTENZJONI**

**2280. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'passi se jittieħdu sabiex dak li hu magħruf bħala Ġnien Bormla jiġi kkurat aħjar, jissaqqa u jkun hemm aktar siġar imħawwlin fih?

19/07/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi d-domanda tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**BIRGU – BINI FIX-XATT LI QABEL KIEN OKKUPAT MILL-CASINO DI VENEZIA**

**2281. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: B'referenza għall-kwistjonijiet pendenti mal-bini fix-Xatt tal-Birgu li qabel kien okkupat mill-Casino di Venezia, jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra dwar x'passi ttieħdu? Jista' wkoll jinforma lill-Kamra meta se jingħata lura?

19/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-binja hekk mgħarufa bħala il- 'Casino di Venezia' kif ukoll il-lukanda biswit l-istess binja, l-Awtorita' ta l-Artijiet għada kif rebħet il-kawza li kien hemm quddiem il-Qorti ta' Malta u l-binja reggħet giet lura f'idejn l-Awtorita'. Il-gvern issa jista jibda jikkunsidra il-futur ta' din il-propjeta.

Seduta 33
17/10/2022

**XATT TAN-NUMBER ONE DOCK – MANUTENZJONI TAL-PARTI TA' QUDDIEM L-AUM**

**2282. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jara li l-parti ta' quddiem li preżentement qiegħda f'idejn l-American University of Malta fix-xatt Number One Dock tiġi miżmuma aħjar, billi tinsab abbandunata u traskurata?

19/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Awtorità tal-Artijiet tikkonferma li l-proprjetà ta' faċċata tal-AUM f'Bormla Nru.1 Dock, tifforma parti mill-att ta' Enfitewsi mogħti lil Sadeen Education Investment Limited. Għaldaqstant, hija r-responsabbiltà ta l-imsemmi li jieħu ħsieb dan is-sit . Madankollu, l-Awtorità tal-Artijiet għandha tkun qed tinforma lill-AUM b'dan l-obbligu bil-ħsieb li ti¿gura l-manutenzjoni u manutenzjoni xierqa tal-proprjetà kif stipulat fil-kuntratt.

Seduta 33
17/10/2022

**BIRGU – BINI FIX-XATT**

**2283. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'passi ttieħdu b'referenza għall-kwestjonijiet pendenti fix-Xatt tal-Birgu fejn kellu jsir bini ta' lukanda? Jista' fuq dan jinforma lill-Kamra meta se jingħata lura sabiex isir finalment? Jista' jara li l-crane li hemm fil-post jiġi aċċertat fuq l-istat li jinsab fih għax ilu hemm numru ta' snin?

19/07/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellanta jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija numru 2281

Seduta 33
17/10/2022

**GĦAWDEX: KUMITAT GĦALL-ISMIJIET TAT-TOROQ – CHAIRMAN U MEMBRI**

**2293. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid min kienu ċ-Chairman u l-Membri tal-Kumitat għall-Ismijiet tat-Toroq f'Għawdex? Jista' jgħid min kienu ċ-Chairman u l-membri sal-Elezzjoni Ġenerali 2022? Jista' jgħid kemm hi r-remunerazzjoni taċ-Chairman u tal-membri ta' dan il-kumitat?

27/07/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija kif murija fit-tabella li qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 33
17/10/2022

**KAP. 595 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA – BORD IMWAQQAF SKONT IL-LIĠI**

**2303. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid min huma l-membri tal-Bord li għalih hemm referenza fil-proviso tal-artikolu 4(5) tal-Kap. 595 tal-Liġijiet ta' Malta? Jista' jgħid meta ġie kostitwit dan il-Bord u t-tul tal-ħatra ta' kull wieħed mill-membri ta' dan il-Bord? Jista' jipprovdi lista tal-karigi tal-uffiċjali fis-Settur Pubbliku, u dan skont l-entità pubblika kkonċernata, li allura setgħu ġew identifikati li jagħmlu xogħol li jinvolvi funzjonijiet regolatorji jew ta' ispettorat u b'hekk huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 4(5) tal-Kap. 595? Jista' jgħid jekk sal-lum qattx ittieħdu xi passi minħabba xi allegat ksur tal-artikolu 4 tal-Kap. 595? Jekk iva, jista' jelenka n-numru ta' każijiet li kien hemm?

02/08/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab nfurmat li l-membri huma *ex officio:*
Is-Segretarju Permanenti tal-People & Standards Division
Is-Segretarju Permanenti tal-Koordinazzjoni u Implimentazzjoni
Is-Segretarju Permanenti għall-Ġustizzja

It-tul tal-ħatra fil-Bord hija marbuta mal-kariga tagħhom. Is-Segretarju Permanenti tal-People & Standards Division u s-Segretarju Permanenti tal-Ġustizzja ġew appuntati meta l-Bord ġie kompost fl-1 t'Ottubru 2019. Is-Segretarju Permanenti għall-Koordinazzjoni u Implimentazzjoni ġie appuntat meta nħatar fil-25 ta' Marzu 2022.

Il-Lista mitluba hija aċċessibbli għall-pubbliku. Kopja tagħha qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.
Il-Bord jiltaqa' regolarment ma' entitajiet sabiex kontinwament jirrevedi l-bżonnijiet u nomenklaturi fid-dawl tal-provviżjonijiet tal-liġi u Direttiva 14. Il-Bord ta pariri f'istanzi fejn persuni kienu ser jitilqu mill-Amminstazzjoni Pubblika u jsibu xogħol ulterjuri. Sal-lum ma ttiħdux passi għaliex ma kienx hemm bażi ffondati li kien hemm ksur tal-liġi jew tad-Direttiva.

Seduta 33
17/10/2022

**IN-NADUR – TRIQ XANDRIKU – MANUTENZJONI TA' BINI MAL-ĠIBJUN TAL-ILMA**

**2305. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid meta se ssir il-manutenzjoni tal-bini li hemm mal-ġibjun tal-ilma fi Triq Xandriku fin-Nadur u dan peress li parti minn dan il-bini tinsab fi stat ħażin ħafna u tista' ċċedi minn ħin għall-ieħor? Tista' tgħid meta saret l-aħħar manutenzjoni fil-ġibjun tan-Nadur?

12/08/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-binja li hemm maġenb il-ġibjun ġiet spezzjonata minn Perit tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-ilma, u kien ikkonfermat li ma hemmx ħsarat strutturali li jirrikjedu intervent immedjat.

Għaldaqstant fis-sitt xhur li ġejjin ser isir xogħol ta' manutenzjoni u restawr tal-faċċata.

Seduta 33
17/10/2022

**IN-NADUR – TRIQ TA' XĦAJMA – ĦITAN TAS-SEJJIEGĦ**

**2306. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fejn saru l-ħitan tas-sejjiegħ fi Triq ta' Xħajma, (it-triq minn Nadur lejn ir-Rabat) u jgħid meta ser isir it-tindif tal-għelieqi mill-ġebel u terrapin li tħalla wara li saru dawn il-ħitan? Jista' jgħid ukoll jekk hux ser isir tindif tal-konok tas-siġar mill-istess ġebel u terrapin li tħalla wara li saru dawn il-ħitan?

12/08/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tindif tal-għelieqi mill-ġebel u mit-terrapien, u kif ukoll it-tindif tal-konok tas-siġar, huwa kważi konkluż.

Seduta 33
17/10/2022

**CRPD - MOUS**

**2322. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk sarux Memorandum of Understandings (MoUs) bejn il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) u xi entità oħra mill-bidu tal-2021 s'issa? Jekk saru, tista' tgħid ma' min, x'kien l-għan aħħari u tippreżenta kopja ta' kull MoU?

31/08/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-bidu tal-2021 sal-ġurnata li fiha qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, il-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) daħlet fi tmien (8) Memoranda of Understanding (MOUs) skont it-tabella ta' hawn taħt. Barra minn hekk, qiegħda nqiegħed kopja ta' dawn il-memoranda fuq il-Mejda tal-Kamra.

| **Ma' min** | **Sena** | **L-Għan aħħari** |
|---|---|---|
| L-Università ta' Malta | 2021 | Kollaborazzjoni bejn il- Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) u l-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà biex issir riċerka, konferenza annwali, *sponsorship* ta' Award, u artiklu annwali fil-rivista tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà. |
| Planning and Priorities Coordination Division u l-Funds and Programme Division fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru | 2021 | Kooperazzjoni bejn dawn l-entitajiet u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) f'diversi stadji tal-proġetti, sabiex dawn ikunu konformi mal-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità. |

| | | |
|---|---|---|
| Transport Malta | 2021 | Kooperazzjoni bejn Transport Malta u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) biex tingħata informazzjoni u data bejn iż-żewġ entitajiet. |
| National Statistics Office (NSO) | 2021 | Kooperazzjoni bejn l-NSO u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) biex tingħata/tinqasam informazzjoni u data bejn iż-żewġ entitajiet. |
| Aġenzija żgħażagħ | 2021 | Kollaborazzjoni bejn Aġenzija żgħażagħ u l-Kummissjoni għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità (CRPD) biex jsiru laqgħat informattivi għal żgħażagħ b'diżabilità u attivitajiet oħra. |
| Malta Information Technology Agency (MITA) u Segretarju Parlamentari tal-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni | 2021 | Ftehim bejn l-MITA, CRPD u Segretarju Parlamentari tal-Ugwaljanza, Riċerka u Innovazzjoni, bħala l-fundaturi tal-*Foundation for Information Technology Accessibility* (FITA) |
| Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) | 2022 | Kollaborazzjoni bejn l-MCCAA u CRPD biex ikun hemm kampanji ta' informazzjoni u assistenza bejn iż-żewġ entitajiet. |
| Malta Communications Authority (MCA) | 2022 | Kollaborazzjoni bejn l-MCCAA u CRPD biex ikun hemm moniteraġġ u rapurtar kif mitlub fid-Direttiva (EU) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill fuq Aċċessibilità ta' websites u applikazzjonijiet tal-mobajl ta' entitajiet fis-settur Pubbliku. |

Seduta 33
17/10/2022

**TV - FREE TO AIR - ILMENTI**

**2349. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: Tista' l-Ministru tgħid jekk kienx hemm ilmenti minn konsumaturi dwar il-fatt li qed jittieħdu passi biex it-trasmissjoni ta' stazzjonijiet tat-TV bil-free to air (permezz ta' aerials jew antenni) jieqaf? Jekk iva x'passi ttieħdu?

13/09/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Uffiċċju għall-Affarijiet tal-Konsumatur fi ħdan l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u l-Affarijiet tal-Konsumatur, riċentament irċieva żewġ mistoqsijiet għall-informazzjoni f'dan ir-rigward. Niġbed l-attenzjoni tal-Onor. Interpellant li dan it-tip ta' każ mhuwiex regolat mil-liġijiet tal-konsumatur li tamministra l-MCCAA.
Madankollu, kif diġà tħabbar pubblikament, il-Gvern bħalissa permezz tal-Ministeru konċernat għaddej bi proċess ta' outreach biex ikun stabbilit l-ammont preċiż ta' familji li għadhom isegwu t-trasmissjonijiet televiżivi free to air permezz ta' aerial fuq il-bejt. Dan biex il-Gvern ikun jista' jgħin lil dawn il-familji.

Seduta 33
17/10/2022

**RABAT – TRIQ IL-MUŻEW – BELISHA LIGHTS**

**2458. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid x'inhi r-raġuni li l-belisha lights ta' Triq il-Mużew fir-Rabat Malta mhux qed jaħdmu regolarment (jew ma kinux jaħdmu għal żmien twil) anke wara diversi rapporti li saru mill-Kunsill Lokali Rabat?

26/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 2458 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**ĦAD-DINGLI – TRIQ PAWLU EBEJER U TRIQ CARMELO BUGEJA – MANUTENZJONI TAL-ĠNIEN**

**2459. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il darba saret manutenzjoni u tisqija tal-arbuxelli u siġar fil-ġnien li jinsab fi Triq Pawlu Ebejer u Triq Carmelo Bugeja Ħad-Dingli minn meta nfetaħ?

26/09/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 2459 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**RABAT – TRIQ GORG BORG OLIVIER – INFURZAR TAR-REGOLAMENTI TAT-TRAFFIKU**

**2460. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid għaliex mhux qed isir infurzar tar-regolamenti tat-traffiku skont it-tabelli 'Heavy Vehicles' fi Triq Gorg Borg Olivier, ir-Rabat, u jekk hux ippjanat li jsir, u meta?

26/09/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-Pulizija tad-distrett u l-Pulizija tal-Komunità, kif ukoll Uffiċjali tal-Komunità (LESA), jinfurzaw kwalsiasi regolament tat-traffiku f'kull lokalità inklu¿ dawk fi Triq Ġorġ Borg Olivier fir-Rabat. L-Onorevoli Membru japprezza illi flimkien mas-senjalazzjoni sabiex ma jidħlux vetturi kbar, hemm miktub ukoll avviz li jgħid "Except to render a service and for route buses only". Għalhekk ċertu vetturi kbar li jagħtu servizz ma jistgħux jiġu impeduti milli jidħlu temporanjament, sakemm dan is-servizz ikun pruvat u ġġustifikat. L-infurzar ser jitkompla.

Seduta 33
17/10/2022

**SPTAR MATER DEI – ILBIES TA' UNIFORMI MILL-ISKRIVANI**

**2461. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid meta ser jibda jintlibes uniformi mill-iskrivani li jaħdmu fl-Isptar Mater Dei u huma ingaggati mill-Gvern u mhux mill-kuntrattur?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi ma hemmx il-ħsieb li ssir uniformi għall-skrivani ingaġġati mill-Gvern li jaħdmu Mater Dei.

Seduta 33
17/10/2022

**SPTAR MATER DEI U ĊENTRI TAS-SAĦĦA – XIRI TA' UNIFORMIJIET GĦALL-ALLIED HEALTH PROFESSIONALS**

**2462. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex wasal il-proċess biex jinxtraw uniformijiet lill-allied health professionals li jaħdmu fiċ-ċentri tas-saħħa u fl-Isptar Mater Dei?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi ġiet ippubblikata *tender* dipartimentali fis-17/9/21 li għalqet fil 11/10/21. Il-bord ta evalwazzjoni kkonkluda illi l-ebda offerta ma kienet tilħaq il-livell tekniku mixtieq. Għaldaqstant qed isir xogħol biex toħroġ sejħa ġdida.

Seduta 33
17/10/2022

**PROĊEDURA TA' ATHROSCOPY – LISTA TA' STENNIJA**

**2463. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hi l-lista ta' stennija għal persuna biex tagħmel proċedura ta' athroscopy fl-irkoppa?

26/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 33
17/10/2022

**DEPUTAT PRIM MINISTRU U MINISTRU GĦAS-SAĦĦA – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2588. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI, L-ARTI L-GVERN LOKALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2589. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-taghrif ghadu qed jingabar.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ U L-KUMMERĊ – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2590. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ma ġew impjegati l-ebda Advisors fuq kuntratti/direct orders mal-entità li taqa' taħt dan il-Ministeru.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2591. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onorevoli interpellanta li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA, IS-SAJD U D-DRITTIJIET TAL-ANNIMALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2592. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI – ADVISORS FUQ KUNTRATTI/DIRECT ORDERS**

**2593. L-ONOR. CLAUDETTE BUTTIGIEG** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista minn kull entità li taqa' taħtu ta' kemm ġew impjegati advisors fuq kuntratti/direct orders u kemm hu l-valur tal-kuntratt mill-2018 sal-2022?

30/09/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-entitatjiet li jaqgħu taħt il-Ministeru tiegħi fil-perjodu indikat ma kellhom l-ebda advisors impjegati.

Seduta 33
17/10/2022

**STUDENTI TAL-YEAR 9 – GĦAŻLA TAS-SUĠĠETT TAL-ĠERMANIŻ**

**2664. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm studenti li mill-Year 9 ħadu l-Ġermaniż bħala suġġett option?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mill-Year 9 kien hemm tliet studenti li għażlu l-Ġermaniż bħala option.

Seduta 33
17/10/2022

**GĦALLIEMA LI MILL-HIGHER SECONDARY ĠEW DEPLOYED FI SKEJJEL SEKONDARJI**

**2665. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm għalliema li sa sena ilu kienu qed jgħallmu l-Higher Secondary u li dis-sena ġew deployed fl-iskejjel sekondarji?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li kien hemm erba' (4) għalliema li din is-sena ġew deployed mill-Higher Secondary għall-iskejjel Sekondarji. Ninsab infurmat li talbiet simili jsiru mill-individwi nfushom kif ukoll minħabba esiġenzi speċifiċi fi skejjel, kulleġġi jew istituzzjonijiet edukattivi oħrajn.

Seduta 33
17/10/2022

**HIGHER SECONDARY - STUDENTI**

**2666. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu studenti ġodda fil-Higher Secondary din is-sena skolastika 2022-2023 u kemm daħlu fis-sena skolastika preċedenti, jiġifieri s-sena 2021-2022?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s'issa hemm total ta' 1099 student ġdid għas-sena skolastika 2022-2023. Filwaqt li matul is-sena skolastika 2021-2022 kien hemm total ta' 1255 student irreġistrat fil-Higher Secondary.

Seduta 33
17/10/2022

**JUNIOR COLLEGE - STUDENTI**

**2667. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu studenti ġodda fil-Junior College din is-sena skolastika 2022-2023 u kemm daħlu fis-sena skolastika preċedenti, jiġifieri s-sena 2021-2022?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għas-sena skolastika 2022-2023 s'issa daħlu 997 student ġdid, filwaqt li fis-sena skolastika 2021-2022 kien hemm 936 student ġdid.

Seduta 33
17/10/2022

**ĠEM16+ - STUDENTI**

**2668. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu studenti ġodda fil-ĠEM16+ din is-sena skolastika 2022-2023 u kemm daħlu fis-sena skolastika preċedenti, jiġifieri s-sena 2021-2022?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għas-sena skolastika 2022-2023, s'issa daħlu 91 student ġdid filwaqt li fis-sena skolastika 2021-2022 kien hemm 92 student ġdid.

Seduta 33
17/10/2022

**UNIVERSITÀ TA' MALTA - STUDENTI**

**2669. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu studenti ġodda fl-Università ta' Malta biex isegwu korsijiet undergraduates din is-sena skolastika 2022-2023 u kemm daħlu fis-sena skolastika preċedenti, jiġifieri s-sena 2021-2022?

30/09/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li deħlin madwar 2,116-il student għas-sena skolastika 2022-2023 biex isegwu korsijiet fil-livell tal-ewwel grad filwaqt li fis-sena skolastika 2021-2022 daħlu 2,285 student biex isegwu korsijiet fil-livell tal-ewwel grad.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTERU GĦAT-TURIŻMU - INFIQ F'REKLAMAR FUQ MEDIA**

**2768. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm tħallsu flus mill-Ministeru, mill-2017 sal-lum, lil Media.link, NET TV, NET FM u/jew lill-Partit Nazzjonalista għal reklamar f'xandiriet tal-istess entitajiet?

04/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li mis-sena 2017 'l hawn intefqu €47,406 f'reklamar min-naħa tal-Ministeru u l-entitajiet tiegħu.

Seduta 33
17/10/2022

**MALTA FILM AWARDS - INFIQ**

**2778. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat, kif ukoll in-nefqa totali, għall-avveniment tal-Malta Film Awards li sar matul din is-sena?

04/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-twegiba tal-mistoqsija parlamentari 1812.

Seduta 33
17/10/2022

**FTEHIM MA' MANCHESTER UNITED TRAMITE VISITMALTA**

**2779. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont totali u jgħid kemm jiswa l-ftehim li sar ma' Manchester United, tramite VisitMalta ?

04/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-kuntratt imsemmi huwa ta' natura kummerċjali u għaldaqstant l-informazzjoni mitluba ma tistax tingħata.

Seduta 33
17/10/2022

**MINISTRU GĦAT-TURIŻMU – MAWRA F'MANCHESTER**

**2780. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jagħti rendikont tan-nefqa totali tal-mawra tiegħu u ta' uffiċjali tal-Gvern sa Manchester biex iġeddu l-ftehim mal-Manchester United?

04/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi n-nefqa totali tal-mawra tal-Ministru flimkien ma' uffiċjali tal-Gvern fi ħdan il-Ministeru tat-Turiżmu saret skont iċ-ċirkulari MFE Circular No. 3/2022 u tammonta għal €6,600.

Seduta 33
17/10/2022

**MALTA FILM AWARDS - INFIQ**

**2781. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont dettaljat, kif ukoll in-nefqa totali, għall-avveniment tal-Malta Film Awards li sar matul din is-sena?

04/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**FTEHIM MA' MANCHESTER UNITED TRAMITE VISITMALTA**

**2782. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti rendikont totali u jgħid kemm jiswa l-ftehim li sar ma' Manchester United, tramite VisitMalta?

04/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**OPERAZZJONIJIET TAL-KATARRETTI – WAITING LIST**

**2798. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1163 u jgħid kemm hemm individwi fuq il-waiting list għall-operazzjoni tal-katarretti?

05/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 33
17/10/2022

**AWTORITÀ MALTIJA TAT-TURIŻMU –ARRETRATI TA' LIĊENZJI TA' OPERATURI TURISTIĊI**

**2817. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 574, 1842 u 2466 u jgħid l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu kemm għandha arretrati x'tiġbor f'liċenzji minn operaturi turistiċi mill-2013 sal-lum, maqsuma sena b'sena?

06/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** L-informazzjoni tingħata f'seduta oħra.

Seduta 33
17/10/2022

**IMĠARR U ĦAŻ-ŻEBBUĠ – STALLAZZJONI TA' LINE VOLTAGE REGULATORS**

**2819. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 2469, tista' l-Ministru tgħid f'liema toroq ġew stallati line voltage regulators fl-Imġarr u Ħaż-Żebbuġ?

06/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Fil-lokalitajiet inkwistjoni ġew installati tliet line voltage regulators, wieħed fi Triq il-Buskett f'Ħaż-Żebbuġ u tnejn fl-Imġarr, wieħed fi Triq Temi Zammit u ieħor fi Triq Vitale.

Seduta 33
17/10/2022

**INĊIDENTI FUQ IL-POSTIJIET TAX-XOGĦOL**

**2820. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm inċidenti fuq il-postijiet tax-xogħol mill-1 ta' Jannar, 2022 sal-aħħar ta' Settembru, 2022? Kemm minn dawn l-inċidenti kienu fatali?

06/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** F'Malta, l-istatistika dwar korrimenti fuq il-post tax-xogħol hija abbinata ma' talbiet għal benefiċċji taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, liema statistika tinġabar mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali, u tkun ippubblikata mill-NSO.
L-aħħar statistika ippubblikata tirreferi għall-ewwel sitt xhur tas-sena, u skont din l-istatistika, weġġgħu 1,164 persuna fuq il-post tax-xogħol.

Statistika miġbura mill-OHSA turi li fil-perjodu bejn Jannar u Settembru 2022, tilfu ħajjithom 13-il persuna waqt il-ħin tax-xogħol, inklużi 3 li mietu waqt sewqan.

Seduta 33
17/10/2022

**QORTI TA' MALTA - ENTRATURA GĦALL-AKKUŻATI**

**2821. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 2471, jista' l-Ministru jgħid u jispjega l-kriterji li abbażi tagħhom il-Pulizija jew l-uffiċjal tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi jiddeċiedu fuq liema entratura jiddaħħlu l-akkużati fil-Qorti ta' Malta?

06/10/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**PERSUNI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA RESIDENTI FL-IMĠARR, MALTA**

**2822. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti l-Imġarr (Malta) full-time u part-time matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena u skont is-sess?

06/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra

Seduta 33
17/10/2022

**PERSUNI REĠISTRATI BĦALA BDIEWA RESIDENTI FIR-RABAT, MALTA**

**2823. L-ONOR. REBEKAH BORG** staqsiet lill- Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali: Jista' l-Ministru jagħti rendikont ta' kemm kien hemm persuni reġistrati bħala bdiewa residenti r-Rabat (Malta) full-time u part-time matul dawn l-aħħar għaxar snin, maqsuma sena b'sena u skont is-sess?

06/10/2022

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni ser tingħata f'xi seduta oħra

Seduta 33
17/10/2022

**KUNSILLI LOKALI – SKEMA TA' RESTAWR TA' POSTIJIET/MONUMENTI STORIĊI**

**2838. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar kemm-il Kunsill Lokali applika għall-iskema dwar Restawr ta' Postijiet/Monumenti Storiċi f'Malta 2022/2023? Liema kienu dawk il-kunsilli lokali madwar Malta u Għawdex li applikaw? Liema minn dawn l-applikazzjonijiet ġew aċċettati? Liema minn dawn l-applikazzjonijiet ma ġewx aċċettati u x'inhi r-raġuni għal dan f'kull każ?

07/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| **Total ta' Kunsilli Lokali li applikaw - 15-il Kunsill Lokali** | | | |
|---|---|---|---|
| **Lista ta' Kunsilli Lokali li applikaw** | **Lista ta' min ġie aċċettat** | **Lista ta' min ma ġiex aċċettat** | **Raġuni għala ma ġietx aċċettata** |
| Tarxien | Tarxien | | |
| Xgħajra | Xgħajra | | |
| Rabat | Rabat | | |
| Poala | | Poala | *Ineligible as proposal was not in conformity with Section 3.i. of the application. (i.e owner's consent to the execution of works was not submitted)* |
| San Ġwann | San Ġwann | | |
| Żejtun | Żejtun | | |
| Għargħur | Għargħur | | |
| Marsaskala | Marsaskala | | |
| Kirkop | Kirkop | | |
| Fgura | Fgura | | |
| Ħaż-Żebbug | Ħaż-Żebbug | | |
| Żurrieq | Żurrieq | | |
| Santa Venera | Santa Venera | | |
| Ħal Lija | Ħal Lija | | |
| Birkirkara | | Birkirkara | *Ineligible as proposal was not in conformity with Section 3.i. of the application. (i.e. owner's consent to the execution of works was not submitted)* |

Seduta 33
17/10/2022

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – RESIDENTI NISA**

**2847. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm nisa residenti fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin? Minn dan l-ammont, jista' jgħid kemm hemm nisa minnhom li għandhom tfal taħt is-16-il sena li huma taħt il-kustodja tagħhom? Minn din l-informazzjoni, jista' jgħid ukoll kemm hu l-ammont tat-tfal?

07/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li sad-data li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija Parlamentari fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin hemm 60 mara. Minn 60 mara, 26 huma ommijiet ta' tfal minuri. 9 mis-26 omm għandhom il-kustodja ta' uliedhom minuri. Infurmat li l-ammont ta' tfal ta' dawn id-9 ommijiet huwa ta' 11.

Seduta 33
17/10/2022

**FAĊILITÀ KORRETTIVA TA' KORDIN – POPOLAZZJONI**

**2848. L-ONOR. GLENN BEDINGFIELD** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2506, jista' l-Ministru jagħti n-numru sħiħ tal-popolazzjoni fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, jiġifieri kemm dawk li qegħdin jiskontaw sentenza u dawk li qegħdin taħt arrest preventiv?

07/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat illi l-popolazzjoni fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sa d-data li qed tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari hi ta' ħames mija u sittin priġunier (560).

Seduta 33
17/10/2022

**INTRODUZZJONI MILL-ĠDID TAR-ROTTA X300**

**2864. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Peress li l-iskeda tal-fast ferry mhix adattata għall-istudenti u ħaddiema Għawdxin, jista' l-Ministru jgħid jekk hux se tkun qiegħda tiġi introdotta mill-ġdid ir-rotta X300 li twassal 'l-Għawdxin miċ-Ċirkewwa lejn l-Isptar Mater Dei, l-Università u l-Belt Valletta b'mod dirett? Jekk le, x'inhi r-raġuni?

10/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li meta s-servizz tal-Fast Ferry ma joperax minħabba il-maltemp, tidħol fl-operat ir-rotta X300 li miċ-Ċirkewwa toffri konnessjoni diretta lejn l-isptar Mater Dei/Universita kif ukoll għall-Belt Valletta. Infurmat ukoll li ir-rotta X1 (li għanda numru limitat ta' waqfien) toffri servizz tat-trasport pubbliku bejn iċ-Ċirkewwa u l-ajrport b'waqfiet l-Universita kif ukoll l-isptar Mater Dei. Din ir-rotta għandha frekwenza medja ta' 45 minuta.

Wara li l-operaturi tal-fast ferry ħabbru li kienu naqqsu il-frekwenza ta' dan is-servizz, Transport Malta daħlet f'diskussjonijiet mall-Operatur tat-trasport pubbliku rigward l-possibilita tal-introduzzjoni ta' konnessjoni diretta bejn il-port taċ-Ċirkewwa, l-isptar Mater Dei/Universita u il-Belt Valletta permezz tat-trasport publiku.

Seduta 33
17/10/2022

**CHILDCARE CENTRE TAL-ISPTAR**

**2873. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'inhi r-raġuni li ċ-Childcare Centre tal-Isptar se jieqaf jopera? Se jkun hemm alternattiva oħra ta' childcare centre fil-viċinanzi?

10/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi iċ-*childcare centre* ser jerġa' jibda jopera min din il-ġimgħa stess.

Seduta 33
17/10/2022

**ĦADDIEMA TTRASFERITI MILL-AIRMALTA GĦAL RSSA - COLA**

**2874. L-ONOR. CHARLES AZZOPARDI** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-ħaddiema li ġew trasferiti mill-Air Malta għal mal-RSSA fis-snin bejn 2018-2019 u li kienu mwiegħda li jieħdu t-take home pay humiex sejrin ikunu intitolati għall-COLA?

10/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**WARRANT TA' INĠINIER**

**2875. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra lista kompluta tal-persuni li ngħataw il-Warrant ta' Inġinier mill-Bord tal-Inġinerija fi ħdan il-Ministeru tiegħu mniżżla b'mod konsekuttiv minn numru wieħed 'il quddiem f'ordni axxendenti skont in-numru tal-warrant? Jista' jagħti s-sena li fiha kull persuna ngħatat il-warrant?

10/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni li qed jitlob tiġi ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern kull sena u dan *ai termini* tal-Kap. 321 tal-Liġijiet ta'Malta.

Seduta 33
17/10/2022

**SERVIZZ TAL-HOME HELP – APPLIKAZZJONIJIET PENDENTI**

**2876. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm każijiet illum ta' anzjani li applikaw għall-Għajnuna fid-Dar (Home Help) li għad għandhom l-applikazzjoni pendenti? Jista' jgħid kemm ġew ingaġġati helpers din is-sena biex jitnaqqas in-numru ta' applikazzjonijiet pendenti u sabiex l-anzjani jingħataw is-servizz minnufih?

10/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li hemm 358 applikazzjonijiet pendenti li applikaw għall-Għajnuna fid-Dar (Home Help). Il-Gvern m'għadux jingaġġa helpers. Is-servizz jingħata minn helpers ingaġġati minn kuntrattur, fuq tender li jkun inħareġ minn Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità. Ir-raġuni tal-każijiet pendenti hija n-nuqqas ta' helpers disponibbli fis-suq.
Din is-sena il-kuntrattur ingaġġa 69 helper. B'kollox, il-kuntrattur għandu total ta' 234 helper ingaġġati miegħu.

Seduta 33
17/10/2022

**SERVIZZ TAL-HOME HELP - HELPERS**

**2877. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' helpers jaħdmu mal-Gvern li jagħtu Għajnuna fid-Dar (Home Help) fis-snin 2018, 2019, 2020, 2021, sena b'sena?

10/10/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li n-numru ta' helpers li kienu jaħdmu mal-Gvern kien:

| | |
|---|---|
| Diċembru 2018 | 58 |
| Diċembru 2019 | 53 |
| Diċembru 2020 | 42 |
| Diċembru 2021 | 41 |

In-numru ta' helpers li kienu jaħdmu mal-kuntrattur kien:
Diċembru 2018: 169
Diċembru 2019: 184
Diċembru 2020: 209
Diċembru 2021: 211

Seduta 33
17/10/2022

**SUSSIDJU FUQ KERA - RESIDENZI PRIVATI**

**2878. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk is-sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 u li huma milquta minn żieda fil-kera stipulata minn sentenza tal-Qorti jingħatax direttament lis-sidien jew jingħatax lill-kerrejja wara li jkunu ħallsu huma lis-sidien? Jista' jgħid x'jiġri meta l-kerrejja ma jkollhomx flus biex iħallsu minn buthom il-kera l-ġdida u ma jistgħux joqogħdu jistennew ir-rifużjoni mill-Awtorità tad-Djar?

10/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li s-sussidju fuq il-kera f'residenzi privati mikrija qabel l-1 ta' Ġunju 1995 jitħallas dirett lill-kerrejja sitt xhur bil-quddiem. Dan iffisser li f'Diċembru ta' din is-sena ser jingħataw pagament li jkopri mill-1 ta' Jannar sat-30 ta' Ġunju 2023. B'hekk jiġi evitat li l-kerrejja jkunu f'diffikultà finanzjarja biex iħallsu l-kera l-ġdida.

Seduta 33
17/10/2022

**BENEFIĊĊJU TAL-KERA FUQ FONDI PRIVATI MIKRIJA BĦALA RESIDENZA ORDINARJA**

**2879. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm persuni ħadu benefiċċju tal-kera fuq fondi privati mikrija bħala residenza ordinarja fis-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021, u 2022 (sal-lum), sena b'sena?

10/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta sabiex tinnota t-tabella t'hawn taħt li turi l-ammont ta' persuni li ħadu benefiċċju tal-kera fuq fondi privati mikrija bħala residenza ordinarja fis-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021, u 2022:-

| **Sena** | **Ammont ta' Benefiċjarji** |
|---|---|
| 2017 | 2,653 |
| 2018 | 2,186 |
| 2019 | 2,898 |
| 2020 | 3,427 |
| 2021 | 4,040 |
| 2022* | 3,700 |

*sal-10 ta' Ottubru 2022

Seduta 33
17/10/2022

**SUSSIDJU TAL-KERA FUQ FONDI PRIVATI MIKRIJA BĦALA RESIDENZA ORDINARJA**

**2880. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jelenka kull kategorija ta' applikanti li jistgħu japplikaw għal sussidju tal-kera fuq fondi privati mikrija bħala residenza ordinarja, id-dħul massimu taħt kull kategorija u l-ammont massimu ta' benefiċċju li kull applikant ikun intitolat għalih għas-snin 2017, 2018, 2019, 2020, 2021 u 2022, separatament minn xulxin?

10/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta illi l-informazzjoni mitluba għas-sena 2022 tinsab aċċessibbli fuq is-sit elettroniku tal-Awtorità tad-Djar: housingauthority.gov.mt u l-istess informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 33
17/10/2022

**AWTORITÀ TAD-DJAR – KUNTRATTI TA' KERA GĦAL SKOP RESIDENZJALI PRIMARJU**

**2881. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kuntratt ta' kera għal skop residenzjali primarju ġew irreġistrati mal-Awtorità tad-Djar mill-1 ta' Jannar 2020 sal-lum? Jista' jgħid kemm minnhom kellhom terminu ta' żmien ta' kirja ta' sitt xhur biss, kemm minnhom kellhom terminu ta' kirja ta' sena, u kemm minnhom kellhom terminu ta' żmien ta' aktar minn sena?

10/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninsab infurmat li mill-1 ta' Jannar 2020 sad-data li fiha qed titwieġeb din il-mistoqsija, l-ammont ta' kuntratti residenzjali privati li ġew irreġistrati jammontaw għal 86,350.
Minn dawn il-kuntratti 10,510 kellhom terminu ta' 6 xhur, 37,713 kelhom terminu ta' sena u 38,127 kellhom terminu ta' aktar minn sena.

Seduta 33
17/10/2022

**TA' QALI – DAWL FIT-TOROQ**

**2891. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru twieġeb il-mistoqsija parlamentari 2500, li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali u li issa ġiet riferuta lilha, u tgħid għaliex huma biss it-toroq ta' biswit l-istadium ġewwa Ta' Qali li huma mdawla? Peress li ż-żona minn fejn il-*mini aircraft field*sal-bidu ta' Ta' Qali, li hija żona frekwentata minn persuni li jmorru jimxu jew jiġġoggjaw, hija kompletament mudlama, tista' l-Ministru tgħid meta ser tiġi indirizzata din is-sitwazzjoni?

10/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li biex l-Enemalta tistalla dwal ġodda fit-toroq irid ikollha talba speċifika minn min ikun responsabbli mit-triq inkwistjoni. F'dan il-każ l-Enemalta ma rċeviet l-ebda talba. Dawn it-toroq ma jaqgħux taħt ir-responsabbiltà ta' xi entità jew dipartiment li jagħmlu parti mill-Ministeru tal-Ambjent, Enerġija u Intrapriża.

Seduta 33
17/10/2022

**BREATHALYSER TESTS**

**2892. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk l-apparat li jintuża meta jsir breathalyser test huwiex kapaċi jiddetermina jekk il-persuna li tkun wettqet dak it-test hijiex taħt l-influwenza tad-droga?

10/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi l-apparat li jintuża meta jsir breathalyser test, jiddetermina jekk il-persuna li wettqet dak it-test tkunx taħt l-influwenza tal-alkoħol u mhux droga.

Seduta 33
17/10/2022

**DIPARTIMENT TAL-PROTEZZJONI ĊIVILI – SEJĦA GĦAL ASSISTANCE AND RESCUE OFFICERS**

**2893. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Wara li f'Jannar 2022 kienet ħarġet sejħa biex jiġu maħtura Assistance and Rescue Officers fi ħdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili, jista' l-Ministru jgħid kemm applikaw nies u f'liema stasdju waslet din is-sejħa?

10/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li kien hemm 547 applikazzjoni u li għaddej il-proċess dwar l-eliġibbiltà tal-applikanti.

Seduta 33
17/10/2022

**GĦAWDEX - SKWADRA TAS-CID**

**2894. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħtina l-istatistika ta' kif evolviet bħala numri l-iskwadra tas-CID ġewwa Għawdex bejn l-2010 u l-2022, sena b'sena?

10/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta 33
17/10/2022

**STAZZJONIJIET LOKALI LI JINQABDU PERMEZZ TA' ANTENNI**

**2895. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Peress li qed jiġi propost li l-pakkett ta' stazzjonijiet lokali li jinqabdu fuq il-pjattaforma diġitali permezz ta' antenna jieqfu joperaw f'Marzu tas-sena 2023, u peress li jidher li fil-gżejjer Maltin hawn madwar 18,000 familja li preżentament qed jindqew b'xejn permezz ta' antenna diġitali fuq il-bejt tad-dar tagħhom u jekk dak propost iseħħ, dawn il-familji jkollhom jabbonaw ma' kumpanija privata li tipprovdi dawn is-servizzi jew permezz ta' fibre optic cable jew streaming permezz tal-internet, jista' l-Mnistru jgħid jekk hemmx xi ħsieb li ssir xi ħaġa biex jiġu megħjuna dawn il-familji li ser jidħlu fi spejjeż addizzjonali bla bżonn biex ikunu jistgħu jaraw stazzjonijiet lokali?

10/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministru kkoncernat.

Seduta 33
17/10/2022

**FREE HEARING TEST LILL-PERSUNI 'L FUQ MINN 65**

**2902. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Peress li qed jiġi provdut is-servizz ta' Free Hearing Test lil persuni 'l fuq minn 65 sena f'Malta, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk hux se jiġi provdut se jiġi provdut dan is-servizz f'Għawdex? Jekk iva, meta?

10/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi s-servizz ta' *Free Hearing Test*, ilu jiġi provdut fl-Isptar Ġenerali t'Għawdex minn Novembru 2021. Kien ġie introdott is-servizz ta' *Audiologist* fuq bażi ta *full-time*. Is-servizz tal-*Hearing Test* li hu mingħajr ħlas, qed jigi pprovdut fi klinika specjalizzata li tinsab fid-Dipartiment tal-*Outpatients* u kull persuna ta' kull eta' tista tirriokori għal dan is-servizz billi tagħmel appuntament biex isirilha dan it-test.

Seduta 33
17/10/2022

**MARSALFORN - BREAKWATER**

**2903. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għal Għawdex: Peress li l-Organizzazzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni, Xjenza u l-Kultura (UNESCO) wissiet lil Malta li hemm ċans mija fil-mija li tsunami jolqot xtutha fi żmien 30 sena, jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed isiru l-istudji neċessarji biex il-breakwater li qed jiġi propost li jsir f'Marsalforn ikun tsunami-proof?

10/10/2022

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li waqt li avvenimenti naturali impossibbli jiġu mbassrin b'ċertezza jekk iseħħux illum, wisq inqas 30 sena oħra, l-impenn tal-Gvern li jiġġieled il-fenomenu tat-tibdil fil-klima hu kontinwu, kif riflessa anke f'politika li tħares għal għexieren ta' snin fil-futur. Il-kontribut ta' pajjiżna, anke jekk żgħir, se jkun rifless fis-sentejn li ġejjin fejn se jkun rappreżentat fil-Kunsill tas-Sigurtà tal-Ġnus Magħquda, waqt li l-Prim Ministru nnifsu enfasizza fuq dan il-punt direttament fl-indirizz tiegħu fl-Assemblea Ġenerali tal-istess organizzazzjoni s-sena l-oħra u mill-ġdid f'Settembru li għadda.

Seduta 33
17/10/2022

**LIFT TA' BIEB IL-BELT - NEFQA FIT-TISWIJA**

**2904. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2684 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Trasport, l-Infrasturttura u l-Proġetti Kapital u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm nefaq fit-tiswija tal-lift ta' Bieb il-Belt minn mindu fetaħ għall-użu pubbliku? Jista' jgħid kemm-il darba kellu ħsara minn mindu fetaħ għall-użu pubbliku? Jista' jgħid ukoll jekk għandux il-ħsieb li l-lift jibqa' pubbliku?

10/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi l-mistoqsija tiegħu lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**QRATI TAL-ĠUSTIZZJA - IMPUTATI LIBERATI**

**2905. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2685 u li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ġustizzja u li issa ġiet riferuta lilu u jgħid kemm-il imputat ġie liberat mill-Qrati tal-Ġustizzja fl-aħħar sentejn minħabba problemi fin-notifika li jwasslu għall-preskrizzjoni tal-allegati reati?

10/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Nitlob lill-Onorevoli interpellant biex jirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**URBAN IMPROVEMENT FUND U DEVELOPMENT PLANNING FUND**

**2906. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jelenka kemm daħlu flus fl-Urban Improvement Fund u fid-Development Planning Fund, fond b'fond u sena b'sena, mill-1 ta' Jannar 2013 sal-aħħar ta' Diċembru 2021, u liema kienu l-proġetti li ġew iffinanzjati minn dawn il-fondi? X'kien l-ammont ta' finazjament proġett proġett, fejn sar kull proġett u x'inhu l-istatus ta' kull proġett?

11/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 33
17/10/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ TA' FELIĊJAN – PROBLEMA FIL-LIVELLI TAT-TRIQ**

**2907. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti spjegazzjoni dwar kif ser tissolva l-problema ta' livelli fi Triq Ta' Feliċjan, Birżebbuġa? Jista' jikkonferma li d-disinn tat-triq ġie mmodifikat sabiex tkun tista' tingħata assigurazzjoni lir-residenti kollha, speċjalment lil dawk li ilhom joqogħdu f'din it-triq (liema triq kellha isem ieħor) għal iżjed minn 30 sena, li mhux ser ikollhom problemi ta' għargħar jew drenaġġ?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li bħala parti mill-bini mill-ġdid ta' Triq Ta' Feliċjan, Infrastructure Malta qed tagħmel xogħlijiet estensivi tas-sistemi taħt l-art għas-servizzi tal-ilma u drenaġġ. Ser jinbnew ukoll bankini ġodda fejn meħtieġ u jissaħħew il-pedamenti qabel ma t-triq isirilha wiċċ ġdid b'diversi saffi t'asfalt. Il-livelli tat-triq ser isiru skont kif mogħtijin lill-aġenzija mill-Awtorità tal-Ippjanar, u l-qlib tat-triq ser isir direzzjoni lejn l-għelieqi biex jiġi evitat li l-ilma tax-xita jmur lejn il-bini. Huwa mmirat li x-xogħlijiet f'din it-triq jitlestew sa tmiem is-sena.

Seduta 33
17/10/2022

**BIRŻEBBUĠA – TRIQ IL-PORT ĦIELES - XOGĦLIJIET**

**2908. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jelenka x-xogħlijiet li se jsiru fi Triq il-Port Ħieles, Birżebbuġa? Jista' jgħid jekk hux se jsiru zebra crossings u traffic islands fil-junction ma' Triq il-Girgħien? Jista' jgħid ukoll jekk hux se jsiru traffic calming measures, u jekk iva fiex ser ikunu jikkonsistu?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastructure Malta qed tibni mill-ġdid Triq il-Port Ħieles, f'Birżebbuġa u għaldaqstant ix-xogħlijiet li se jsiru huma estensivi. Dawn jinkludu tibdil ta' sistemi taħt l-art għad-distribuzzjoni tas-servizzi tal-ilma, dawl u telekomunikazzjoni, titjib jew bini mill-ġdid tal-bankini, skont il-ħtieġa, qabel ma t-triq isirilha wiċċ ġdid b'diversi saffi ta' asfalt. Fuq proposta tal-Kunsill Lokali u li ġiet approvata minn Transport Malta f'din it-triq se jsiru wkoll żewġ zebra crossings.

Seduta 33
17/10/2022

**IMPJANT TA' SANT'ANTNIN – SKART RIĊIKLABBLI**

**2909. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il tunnellata ta' skart riċiklabbli (borża griża u/jew ħadra) ttieħdu ġimgħa b'ġimgħa mill-impjant ta' Sant'Antnin għal-landfill mill-1 ta' Jannar 2022 sal-aħħar ta' Settembru 2022?

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ebda skart irkuprat li hu riċiklabbli (borża griża u/jew ħadra) ma jittieħed fil-landfill iżda jinbiegħ fis-suq internazzjonali biex jiġi mdawwar fi prodotti oħra.

Seduta 33
17/10/2022

**ĦAL FAR – MULTI-MATERIAL RECOVERY FACILITY**

**2910. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tikkonferma li l-Multi-Material Recovery Facility f'Ħal Far ser tkun qed topera matul ir-raba' kwart ta' din is-sena? Tista' tippreżenta rapport dwar kif din il-faċilità ser tgħin biex noqorbu iżjed lejn Waste Framework Directive 2008/98/EC u telenka x'inhu l-pjan sabiex il-pajjiż ikun kompletament konformi ma' din id-direttiva?

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Multi-Material Recovery Facility f'Ħal Far mistennija tkun qed topera sal-aħħar ta' din is-sena. Qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-istrateġija tal-pajjiż dwar l-immaniġjar tal-iskart 2021-2030 li għandha twassalna biex nilħqu l-miri tagħna fir-rigward.

Seduta 33
17/10/2022

**BIRŻEBBUĠA – KLINIKA FIL-KOMUNITÀ**

**2911. L-ONOR. STANLEY ZAMMIT** staqsa lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: B'referenza għall-mistoqsija parlamentari 2025, jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid fiex waslu t-taħditiet bejn il-Primary Health Care u l-Kunsill Lokali Birżebbuġa dwar fejn ser tkun il-Klinika fil-Komunità l-ġdida ta' Birżebbuġa u meta ser tinfetaħ? Jekk il-lok diġà ntgħażel, dan huwa tal-Gvern jew tal-privat? Kemm-il post ta' parkeġġ hemm biswitu? Kemm ser ikun l-investiment inizjali? X'ser ikunu s-servizzi li ser ikunu offruti u meta ser ikunu l-ġranet u l-ħinijiet tal-ftuħ?

11/10/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Ninforma lill-Onorevoli interpellant li, bil-maqlub ta' dak ħalliet l-aħħar amministrazzjoni Nazzjonalista, dan il-Gvern hu mpenjat li jtejjeb il-kura fil-komunità, tant li għadu kemm infetaħ ċentru komunitarju għas-saħħa ġdid fl-Għarb, Għawdex, fost sensiela ta' investimenti simili li saru fl-aħħar snin. Ngħarrfu wkoll li d-Dipartiment tal-Kura Primarja attwalment jinsab fil-proċess biex isib sit adekwat għal ċentru komunitarju ġdid f'Bir¿ebbuġa.

Seduta 33
17/10/2022

**IL-MOSTA – FREKWENZA TAR-ROTOT TAT-TRASPORT PUBBLIKU**

**2912. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar il-frekwenza tar-rotot 41 u 42, mit-Tramuntana ta' Malta lejn il-Mosta? Jista' jara li tiżdied il-frekwenza ta' dawn ir-rotot fl-ewwel żewġ ħinijiet ta' filgħodu, hekk kif dawn il-buses qegħdin ikunu mimlija u ma jkunx possibbli li jintużaw mill-persuni li jkunu qegħdin jistennew fuq il-bus stops ta' San Pawl il-Baħar? Jista' jara li tiżdied rotta oħra biex ir-residenti ta' San Pawl il-Baħar jaslu fil-ħin fid-destinazzjoni li jkunu jridu jmorru fiha? Jista' jassigura li s-servizz ikun adegwat f'dawn il-ħinijiet sabiex jiġu evitati sitwazzjonijiet fejn għalkemm il-bus tkun mimlija, issir pressjoni fuq il-bus driver biex itella' iktar nies minħabba l-ammont kbir ta' persuni li jkunu qegħdin jistennew fil-lokalità ta' San Pawl il-Baħar?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fix-xitwa il-frekwenza tar-rotot 41 u 42, li miċ-Ċirkewwa tmur il-Belt Valletta, hija ta' kull tletin minuta u għaldaqstant bejniethom ikun hemm frekwenza ta 15-il minuta. Il-frekwenza fis-sajf tiżdied għal kull għoxrin minuta fil-ħinijiet meqjusa bħala "peak".

Ittieħdet nota ta' suġġeriment li jiżdiedu il-frekwenzi sabiex jiġu ikkunsidratti fil-futur qarib. Ta' min wieħed jinnota li Triq San Pawl u Triq Parades huma servuta ukoll mir-rotta 49 li ukoll tagħti konnessjoni ta' kull siegħa għal Belt Valletta. Ma dawn ir-rottot, Triq Mosta tingħaqad ir-rotta 48 li ukoll tagħti konnesjoni lejn il-Belt Valletta. Din ir-rotta topera bi frekwenza ta' kull tletin minuta.

Seduta 33
17/10/2022

**SAN PAWL IL-BAĦAR – BUĠIBBA - DAWRET IL-GŻEJJER – ŻBIR TA' PJANTI U SIĠAR**

**2913. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jieħu l-passi neċessarji sabiex jinżabru l-pjanti, siġar, eċċ li jinsabu f'Dawret il-Gżejjer, Buġibba, San Pawl il-Baħar, hekk kif minħabba fihom mhux qed ikun possibbli li n-nies ipoġġu fuq il-bankijiet li hemm fl-istess promenade kif ukoll qegħdin inaqqsu mill-wisa' aċċessibbli tal-bankina, liema xogħol kien għadu ma sarx sa meta saret din id-domanda parlamentari?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat mill-Kunsill Lokali ta' San Pawl il-Baħar li ġaladarba huwa rrakkomandat li ż-żbir tas-siġar u pjanti jsir fix-xhur tax-xitwa, dan ser isir fiż-żmien opportun.

Seduta 33
17/10/2022

## SKOLA PRIMARJA TAL-QAWRA - PARKEĠĠ

**2914. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: B'referenza għar-risposta tal-mistoqsija parlamentari 2538, jista' l-Ministru jwieġeb il-partijiet tad-domanda li ma ġewx imwieġba? Billi issa għaddew bosta xhur minn mindu l-parkeġġ ta' taħt l-Iskola Primarja tal-Qawra kellu jibda jintuża mill-pubbliku, jista' jagħti tagħrif dwar x'inhi r-raġuni li għaliha dan għadu mhux qed jintuża? Ma' min saru d-diskussjonijiet biex il-parkeġġ jinfetaħ? Jista' jgħid jekk il-Ministeru jew xi entità oħra hux qed joġġezzjonaw biex iż-żewġ livelli tal-parkeġġ (għal madwar 400 karozza) jibdew jintużaw? Jekk iva, x'inhi r-raġuni għal dan? Jekk mhux il-każ, għaliex l-istess Ministeru li bena l-iskola u l-parkeġġ mhux qed joffri dan l-ispazju għall-użu tal-pubbliku? Jista' jikkonferma li hemm/kien hemm diffikultajiet dwar aċċessibilità u ingress ta' ilma fl-istess parkeġġ? Jista' jikkonferma li għad jonqos joħroġ compliance certificate mill-Awtorità tal-Ippjanar qabel il-parkeġġ ikun jista' jintuża mill-pubbliku? Jekk dan hu minnu, fiex wasal dan il-proċess? Jista' jgħid meta hi d-data l-ġdida li fiha issa dan il-parkeġġ ser ikun miftuħ għall-pubbliku?

11/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 2538.

Seduta 33
17/10/2022

## NOISE CONTROL COMMISSION

**2915. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid x'inhi l-funzjoni tan-Noise Control Commission? X'inhi l-proċedura li tintuża biex jibdew investigazzjonijiet minn din il-Kummissjoni? Minn kemm ilha mwaqqfa, sena b'sena, kemm-il każ ġie investigat u f'kemm-il każ instab li kien hemm ksur ta' liġi? X'kienet ir-raġuni għall-ksur ta' liġi f'kull każ?

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li n-Noise Control Commission kienet Kummissjoni ffurmata *ad hoc* fil-passat u kellha l-funzjoni li tagħti parir lill-Ministru fuq kwistjonijiet ġenerali relatati mal-istorbju. Il-Kummissjoni qatt ma kellha poteri investigattivi u qatt ma għamlet investigazzjonijiet. Din il-Kummissjoni m'għadhiex stabbilita.

Seduta 33
17/10/2022

## SAN PAWL IL-BAĦAR – TELGĦET IX-XEMXIJA - XOGĦLIJIET

**2916. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tgħid fiex waslu t-tħejjijiet għal xogħlijiet relatati mas-servizzi tal-ilma u tad-drenaġġ f'Telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar? Fiex jikkonsistu dawn ix-xogħlijiet? Tista' tgħid jekk hemmx pjanijiet għal xogħlijiet oħra minn entitajiet oħra u fiex jikkonsistu dawn ix-xogħlijiet? Meta hu skedat li jibda u jitlesta dan ix-xogħol? X'inhu t-traffic management li ser ikun qed jintuża waqt ix-xogħlijiet?

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li bħalissa qed tkun imfassla s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet li hemm ippjanati fit-triq inkwistjoni.

Ix-xogħlijiet relatati mas-sistema tad-drenaġġ f'telgħet ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar jikkonsistu f'sistema ta' rinovar tal-mejnijiet tad-drenaġġ eżistenti permezz ta' 'lining' tal-mejnijiet.

L-intervent se jsir minn ġot-tappieri eżistenti u huwa ppjanat li x-xogħol kollu jsir matul il-lejl. Għaldaqstant l-inkonvenjent fuq ir-residenti u fuq kull min juża din it-triq se jkun minimizzat. Dan il-proġett se jkun illokalizzat fuq il-mejnijiet tad-drenaġġ u mhux se jinkludi xogħol fuq servizzi oħra.

Seduta 33
17/10/2022

**AWAS - ĦADDIEM**

**2932. L-ONOR. JOE GIGLIO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jispjega jekk il-persuna li d-dettalji dwarha qed jintbagħtu separatament għadhiex taħdem fl-AWAS? Kemm ilha taħdem hemm, x'inhu r-rwol tagħha u xi kwalifiki għandha?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-persuna riferuta minnek hija impjegata tal-Engineering Resources Limited wara li ssieħbet f'entità oħra statali li l-maġġoranza assoluta tal-ħaddiema tagħha ġew trasferuti lil ERL, fl-2016. Wara ġiet assenjata mal-AWAS, bl-istess mod li ġew assenjati ħaddiema oħra mill-ERL ma' diversi entitajiet statali. Għaldaqstant ma tgawdix mill-ftehim kollettiv tal-AWAS.

Seduta 33
17/10/2022

**ARMY COMPLIANTS COMMITTEE REPORT - RAKKOMANDAZZJONIJIET**

**2936. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti dettalji speċifiċi dwar meta beħsiebu jimplimenta r-rakkomandazzjonijiet mogħtija lilu fl-Army Complaints Committee Report (2) sottomess lilu issa numru ta' snin ilu?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Il-Gvern huwa kommess li jkompli jsewwi l-ħsara u l-inġustizzji ta' Gvern Nazzjonalista. Wara li l-ħaddiema kollha gawdew minn ftehim kollettiv li tejjeb ħafna il-kundizzjonijiet u d-drittjiet tas-suldati wara li tħallew b'paga sub-standard u friżata għal ħafna snin minn Gvern preċedenti, fiż-żmien li ġej ikun ukoll pubblikat ir-riżultati ta l-aħħar bord tal-inġustizzji.

Seduta 33
17/10/2022

**ĦAL TARXIEN – TRIQ SAN TUMAS - XOGĦLIJIET**

**2943. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hijiex ippjanata li ssir Triq San Tumas f'Ħal Tarxien peress li din it-triq tinsab fi stat diżastruż? Jekk iva, meta huwa ppjanat li jibda dan ix-xogħol?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. Fil-lokalità ta' Ħal Tarxien l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq is-Sorijiet, Triq iż-Żejtun, Triq Marjanu Gerada, Triq Santa Marija, Triq Paola, Triq Birbixkilla, Triq Ġużeppi Montebello, Triq Francesco Crispi, Triq

San Anard, Triq Xintill, Triq l-Isqajjaq, Triq it-Tabib Jimmy Farrugia u numru ta' sqaqien, Triq Santu Wistin, Triq il-Lampuka, Triq it-Tarzna, Triq il-Knisja, Vjal Simmons, Triq Birżebbuġa u Triq Manuel Buhagiar. L-aġenzija fetħet ukollparkeġġ pubbliku ġdid bi spazju għal 128 vettura biswit il-Kulleġġ San Tumas More Skola Medja, inqas minn 200 metru mill-Knisja Parrokkjali. Dawk li jgħixu f'dawn l-inħawi, jew li jżuruhom, jistgħu jipparkjaw fih u jimxu l-bqija tat-triq lejn il-qalba tal-lokalità u b'hekk ikunu qed inaqqsu l-karozzi fit-toroq dojoq tal-madwar.

Bħalissa għaddej il-bini mill-ġdid ta' ħafna toroq oħrajn madwar il-pajjiż, fosthom fi Triq Sant Antnin, f'Ħal Tarxien. It-triq indikata, Triq San Tumas, hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifruxa fuq seba' snin. Fl-istess waqt, sakemm tinbena mill-ġdid, peress li r-responsabiltà tat-tiswijiet u l-manutenzjoni regolari ta' toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-kunsilli lokali, dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 33
17/10/2022

**IL-FGURA – VJAL KOTTONER – STAT TA' TRIQ**

**2944. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li jibda x-xogħol fuq Vjal Kottoner fil-Fgura? Jaf il-Ministru li parti minn din it-triq prinċipali qed tisfronda u saret perikoluża għas-sewwieqa u anke għal dawk li jkunu għaddejjin minnha bil-mixi (il-parti li qed tisfronda hija k/m Triq Gallu u Triq Mondion)? Jaf il-Ministru li minn din it-triq jgħaddi traffiku kważi daqs kemm jgħaddi minn Triq Hompesch/Żabbar fil-Fgura?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li fil-lokalità tal-Fgura, Infrastructure Malta diġà bniet mill-ġdid u għamlet xogħlijiet fi Triq Buqexrem, Triq ġdida fi Triq l-Għarnuq, Sqaq Rjallu, Triq il-Merħba, Triq is-Sur, Triq l-Għarnuq, Triq San Xmun, Triq San Tumas, Triq San Pietru, Triq Liedna, Triq ¯abbar, Triq Hompesch, Triq Anġlu u Marianna Camilleri, Triq l-Għollieq, Triq il-Falkunier u Triq Rgħajja.

Bħalissa qegħdin isiru xogħlijiet fi Triq Mater Boni Consili, Triq San Ġorġ Preca, Triq Pace u Grasso, Triq il-Kitba, Triq Giacomo Matteotti, u Triq il-Velleran waqt li diġà hemm ippjanati biex fiż-żmien li ġej jibda.

Seduta 33
17/10/2022

**IL-FGURA - TRIQ L-14 TA DIĊEMBRU 1945**

**2945. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid meta huwa ppjanat li jibda x-xogħol fuq Triq l-14 ta Diċembru 1945 fil-Fgura? Jaf il-Ministru li din it-triq kienet waħda mit-toroq li l-Kunsill Lokali tal-Fgura indika fl-ewwel lista li ntalab jibgħat lill-Infrastruttura Malta meta twaqqfet din l-Aġenzija? Jista jagħti raġuni għaliex din it-triq ma saritx filwaqt li l-istess Aġenzija għamlet toroq oħrajn fil-lokalità mingħajr konsultazzjoni mal-Kunsill Lokali?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. Fil-lokalità tal-Fgura l-aġenzija diġà bniet mill-ġdid u għamlet titjib fi Triq Buqexrem, Triq ġdida fi Triq l-Għarnuq, Sqaq Rjallu, Triq il-Merħba, Triq is-Sur, Triq l-Għarnuq, Triq San Xmun, Triq San Tumas, Triq San Pietru, Triq Liedna, Triq Żabbar, Triq Hompesch, Triq Anġlu u Marianna Camilleri, Triq l-Għollieq, Triq il-Falkunier u Triq Rgħajja.

Bħalissa għaddej il-bini mill-ġdid ta' ħafna toroq oħrajn madwar il-pajjiż, fosthom fi Triq Mater Boni Consili, Triq San Ġorġ Preca, Triq Pace u Grasso, Triq il-Kitba, Triq Giacomo Matteotti, u Triq il-Velleran, fil-Fgura. It-triq indikata, Triq l-14 ta Diċembru 1945, hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifruxa fuq seba' snin. Fl-istess waqt, sakemm tinbena mill-ġdid, peress li r-responsabiltà tat-tiswijiet u l-

manutenzjoni regolari ta' toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-kunsilli lokali, dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 33
17/10/2022
**IL-FGURA - ILMA QIEGĦED FI TRIQ L-14 TA DICEMBRU 1945**

**2946. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jinvestiga għaliex fit-tarf ta' Triq l-14 ta Diċembru 1945 k/m Triq is-Sur qed iżomm ħafna ilma kif tagħmel ix-xita u dan minn wara li saret ir-rikostruzzjoni ta' Triq is-Sur minn Infrastruttura Malta? Jista' jara li l-Aġenzija responsabbli ssib rimedju għal din il-problema peress li meta jinġemgħa l-ilma, speċjalment wara x-xita, dan jispiċċa bħala ilma qiegħed b'ħafna dud u insetti b'detriment għas-saħħa tar-residenti?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari Nru 2945.

Seduta 33
17/10/2022

**KUNSILLI LOKALI - KAŻ QUDDIEM IL-BORD TAL-GOVERNANZA**

**2947. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għall-każ li jinsab quddiem il-Bord tal-Governanza u li d-dettalji tiegħu qed jiġu mgħoddija b'mod separat, jista' l-Ministru jgħid:
a. Għaliex l-aħħar seduta fuq dan il-każ saret f'Diċembru 2021 u s'issa, 10 xhur wara, jidher li ma nstema' xejn iktar;
b. jara li dan il-każ jingħalaq;
c. jaħseb li huwa ġust u sewwa li każ quddiem bord imwaqqaf bl-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) iħalli għaxar xhur lill-partijiet ikkonċernati f'għama totali?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellanta li jien naqbel mal-massima li l-ġustizzja trid mhux biss issir imma tidher li qed issir. Għalhekk, waqt li rridu nħallu lill-istituzzjonijiet jaħdmu bis-serenità meħtieġa, tajjeb li nappellaw biex ikunu spediti fil-ħidma tagħhom.

Seduta 33
17/10/2022

**IL-KALKARA - PROGETT TAX-XATT**

**2948. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jindika meta huwa pproġettat li jitlesta kompletament il-proġett li qed isir fix-Xatt tal-Kalkara? Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-pjanti finali ta' kif ser jiġi l-proġett ġaladarba jkun lest?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-proġett ser jkun lest sa nofs is-sena 2023. Pjanti tal-proġett huma tekniċi u ma jgħatux indikazzjoni ċara għall-publiku tal-aspett finali tal-proġett. Wieħed jista jara dan il-proġett permezz ta' 3D walk through li tista tiġi aċċessata fuq il-link https://youtu.be/8k31idE9nH8 jew fuq is-sitt uffiċjali tal-GHRC.

Seduta 33

17/10/2022

**FILM JURASSIC WORLD DOMINION – SPIŻA TOTALI GĦALL-PREMIERE**

**2953. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lil din il-Kamra kemm kienet l-ispiża totali tal-press junket, atturi u crew tal-film Jurassic World Dominion li kienet preżenti f'Malta għall-premiere tiegħu, inkluż titjiriet, akkomodazzjoni, catering, trasport u spejjeż oħra?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**FILM JURASSIC WORLD DOMINION – COVERAGE TAL-PREMIERE F'MIDJA INTERNAZZJONALI**

**2954. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jippreżenta rapport iddettaljat tal-coverage li bbenefika minnu pajjiżna fil-midja internazzjonali permezz tal-press junket li nġieb Malta għall-premiere tal-film Jurassic World Dominion?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellanta tirreferi l-mistoqsija tagħha lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta 33
17/10/2022

**KUNĊERT ROCKESTRA**

**2955. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 2372, jista' l-Ministru jgħid min jorganizza r-Rockestra?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Kif diġà ġie indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari bin-numru 2372, il-kunċert Rockestra ma jiġix organizzat mill-Ministeru jew minn xi entità fi ħdanu.

Seduta 33
17/10/2022

**HOUSING AUTHORITY – SUSSIDJU FUQ IL-KERA – FOSTER PARENTS**

**2956. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill- Ministru għall-Akkomodazzjoni Soċjali u Affordabbli: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk il-ħlasijiet supplimentari li jitħallsu foster parents, jiġux meqjusa bħala dħul meta jsir il-means testing biex tiġi kkalkulata l-kategorija ta' sussidju ta' kera mill-Housing Authority? Jekk iva, ma jaħsibx li huwa inġust li ħlas li qed jingħata biex jintefaq fuq it-tfal, qed jiġi meqjus bħala dħul għal dawn il-foster parents, li wara kollox qegħdin jipprovdu servizz lill-Istat?

11/10/2022

**ONOR. RODERICK GALDES:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Awtorità tad-Djar tikkonferma li l-ħlas supplimentari li jingħata lill-foster parents jiġi magħdud mad-dħul meta jiġi kkalkulat il-benefiċċju tal-kera li għalih ikunu intitolati l-applikanti. Il-benefiċċju jinħadem skont in-numru ta' membri tal-familja; għalhekk dawn il-familji jkunu intitolati għal benefiċċju ogħla peress li tfal fostered huma inklużi bħala membri. Barra minn hekk, familji bi tfal fostered jingħataw ukoll għotja supplimentari ta' €300 fis-sena.

Seduta 33
17/10/2022

**BIENNALE TA' VENEZJA 2022 - PARTEĊIPAZZJONI TA' MALTA**

**2957. L-ONOR. JULIE ZAHRA** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid:
a. Min kienet il-ġurija jew il-bord (lista ta' ismijiet u kunjomijiet) li ddeċieda liema grupp jirrappreżenta lil Malta fil-Biennale ta' Venezja 2022?
b. X'kienet il-kompetenza ta' dawn il-persuni li ntgħażlu biex ikunu fit-tali bord jew ġurija?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taht:

· **Rugilé Barzdžuikaité -**Artista Litwana. Irrappreżentat lil pajjiżha fit-58 edizzjoni tal-Biennali tal-Arti Kontemporanja ta' Venezja. Fost diversi premjijiet internazzjonali rebħet il-Golden Lion Award tal-Festival Ċinematografiku ta' Venezja bl-opra-prestazzjoni Sun and Sea. Hija wkoll produttriċi ċinematografika u direttriċi teatrali.

· **Toni Sant** - Akkademiku Malti. Bħalissa Direttur tad-Digital Curation Lab tal-Università ta' Salford, Manchester. Serva wkoll fil-kariga ta' Direttur Artistiku ta' Spazju Kreattiv tal-Belt Valletta.

· **Matthew Joseph Casha** - Perit tal-Padiljun ta' Malta fil-Biennale ta' Venezja 2019.

· **Ri Chakraborty**- Produttriċi eżekuttiva u kap editriċi. Rebħet diversi premji għall-ħidmiet fuq dokumentarji u films fil-livell globali.

· **Rupert Cefai**- Artist viżiv. Chairman ta' Fondazzjoni Kreattività mill-2013.

Seduta 33
17/10/2022

**ARMATA TA' MALTA - BORD TAL-INĠUSTIZZJI – PUBBLIKAZZJONI TAD-DEĊIŻJONIJIET**

**3003. L-ONOR. ALEX BORG** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jagħti indikazzjoni ta' meta ser jiġu ppubblikati d-deċiżjonijiet tal-Bord tal-Inġustizzji fi ħdan l-Armata ta' Malta?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari PQ 2936

Seduta 33
17/10/2022

**SLIEMA – PROMENADE – ARBLI TAD-DAWL**

**3005. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1546, peress li għaddew erba' xhur u l-arbli tad-dawl għadhom ma ġewx installati, tista' l-Ministru tgħid kemm irridu nistennew iktar qabel ma jiġu installati dawn l-arbli? (Ritratt ta' fejn għandhom jitwaħħlu l-arbli qed jingħata separatament)

11/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-Enemalta qegħda fil-proċess biex tordna arbli "custom made" biex jinbidlu dawk li sofrew ħsarat estensivi bil-maltemp. Sadanittant il-bankina u t-triq fil-promenade ta' Tas-Sliema huma adegwatament imdawla b'arbli oħrajn li hemm fl-istess żona.

Seduta 33
17/10/2022

**SLIEMA – PROMENADE – BDIL TA' RAILINGS**

**3006. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għat-Turiżmu: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1545 rigward meta se jiġu sostitwiti r-railings tal-Promenade ta' Tas-Sliema, bejn Fond Għadir u l-Waterpolo Pitch ta' Tas-Sliema, li huma kollha sadid, peress li għaddew erba' xhur oħra u dawn ir-railings għadhom ma ġewx sostitwiti, jista' l-Ministru jgħid kemm irridu nistennew iktar qabel ma jiġu sostitwiti? (Ritratti qed jingħataw separatament)

11/10/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ġejt infurmat li l-ewwel sett ta' ħadid iggalvanizzat inbidel fl-2021. Jekk it-temp jippermetti, it-tieni sett ta' ħadid iggalvanizzat mistenni li jinbidel fi ftit ġimgħat oħra, li bi qbil mal-Kunsill Lokali se jkopri l-area ta' bejn il-Fortizza u jasal sa fejn kien inbidel l-ewwel batch ta' ħadid. Il-kumplament huwa proġettat li jinbidel f'fażijiet matul is-sena d-dieħla.

Seduta 33
17/10/2022

**PBS – ĦLASIJIET PENDENTI LIL PRODUTTURI TA' PROGRAMMI**

**3007. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx xi ħlasijiet pendenti ma' produtturi indipendenti ta' programmi fuq il-PBS?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba hija ta' natura kummerċjali.

Seduta 33
17/10/2022

**PROGRAMMI FUQ TVM U TVM NEWS – PRODUTTURI TA' PROGRAMMI**

**3008. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' produtturi indipendenti li pproduċew programmi fuq TVM u TVM News għall-iskedi Ottubru 2020-Settembru 2021 u Ottubru 2021-Settembru 2022?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-twegiba tinghata f'seduta ohra.

Seduta 33
17/10/2022

**PROGAMMI FUQ TVM U TVM NEWS – PRODUTTURI TA' PROGRAMMI**

**3009. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' produtturi indipendenti li se jkunu qed jipproduċu programmi fuq TVM u TVM News għall-iskeda Ottubru 2022-Settembru 2023?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-twegiba tinghata f'seduta ohra.

Seduta 33
17/10/2022

**NATIONAL SAILING ASSOCIATION – FAĊILITAJIET GĦAL-LOGĦOB TAN-NAZZJONIJIET IŻ-ŻGĦAR 2023**

**3010. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid x'faċilitajiet se jagħti l-Gvern lin-National Sailing Association fid-dawl tal-logħob tan-Nazzjonijiet iż-Żgħar tal-2023 li se jkun qed isiru f'Malta? Dawn il-faċilitajiet, jekk se jkun hemm, se jkunu disponibbli fuq bażi temporanja jew permanenti?

11/10/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li hemm pjan strutturat biex jintużaw faċilitajiet mgħammra apposta għal kull attività sportiva waqt il-Logħob tan-Nazzjonijiet iż-Żgħar. Dawn il-faċilitajiet mistennija jibqgħu jintużaw b'mod permanenti.

Seduta 33
17/10/2022

**ARREST TA' PERSUNI LI KIENU FIL-PAJJIŻ B'MOD IRREGOLARI**

**3011. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew arrestati persuni fix-xahar ta' Settembru 2022 wara li nstab li kienu fil-pajjiż b'mod irregolari?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fix-xahar ta' Settembru 2022, ġew arrestati mija u sitta u erbgħin (146) persuna minn pajjiżi terzi, wara li nstab li kienu fil-pajjiż b'mod irregolari.

Seduta 33
17/10/2022

**DEPORTAZZJONI TA’ PERSUNI LI KIENU FIL-PAJJIŻ B’MOD IRREGOLARI**

**3012. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid kemm ġew deportati minn pajjiżna persuni fix-xahar ta' Settembru 2022 wara li nstab li kienu fil pajjiż b'mod irregolari?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li tul Settembru 2022, mija u tmintax (118)-il immigrant irregolari tneħħew mill-pajjiż.

Seduta 33
17/10/2022

**DEPORTAZZJONI TA’ PERSUNI**

**3013. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid x’kienet in-nazzjonalità ta’ kull persuna li ġiet deportata minn pajjiżna fix-xahar ta' Settembru 2022 wara li nstab li kienet fil-pajjiż b'mod irregolari?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li n-nazzjonalitá tal-persuni hekk mif mitluba mill-Onorevoli Interpellant huma Bangladesh, Renju Unit, Kolombja, Eġittu, Georgia, Nepal, Serbja, Former Yugoslav Republic of Macedonia, Tuneżija, Turkija, Sirja, Somalja, Indja, Burkina Faso, Kosta tal-Ivorju, Eritreja, Gambia, Ghana, Guneja, Mali, Niġerja, Pakistan u Senegal.

Seduta 33
17/10/2022

**DEPORTAZZJONI TA’ PERSUNI**

**3014. L-ONOR. BEPPE FENECH ADAMI** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista’ l-Ministru jgħid lejn liema pajjiż/i ġew mibgħuta l-persuni kollha deportati minn pajjiżna f'Settembru 2022? Jista’ jagħti l-ammont eżatt li ntbagħat f’kull pajjiż?

11/10/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-persuni li ma baqgħux f’pajjizna u ġew ritornati kif hekk mistoqsi mill-Onorevoli Interpellant telqu lejn Bangladesh, Renju Unit, Kolombja, Eġittu, Georgia, Nepal, Serbja, Former Yugoslav Republic of Macedonia, Tuneżija, Turkija, Awstrija, Bulgarija, Greċja, Italja u Polonja.

Seduta 33
17/10/2022

**KEJL TAL-LIVELLI TAL-BAĦAR**

**3017. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2693, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u li issa ġiet riferuta lilu, u jagħti l-kejl tal-livelli tal-baħar f'dawn l-aħħar għaxar snin?

11/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lil-Onor. Interpellant li dan l-istudju isir mill-Physical Oceanography Unit tal-Università ta’ Malta.

Seduta 33
17/10/2022

**KUNSILLI LOKALI LI JOPERAW MINN BINJIET LI MHUX AĊĊESSIBBLI GĦALL-PERSUNI B'DIŻABILITÀ**

**3018. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2692 u jgħid kemm-il Kunsill Lokali hawn li jopera f'binja li mhix aċċessibbli għall-persuni li jagħmlu użu mis-siġġu tar-roti, f'kull livell tal-binja?

11/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninsab infurmat li hemm disa' (9) Kunsilli Lokali li l-binja tagħhom mhux aċċessibbli għall-persuni li jagħmlu użu minn siġġu tar-roti. Il-Kunsilli msemmija huma tas-segwenti lokalitajiet: Il-Gudja, Ħal Għaxaq, il-Kalkara, il-Munxar, il-Qrendi, ir-Rabat (Malta), Santa Luċija, Santa Venera u x-Xagħra.

Seduta 33
17/10/2022

**KEJL MEDJU TA' TEMPERATURI**

**3019. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 2694, li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża u li issa ġiet riferuta lilu, u jagħti l-kejl medju ta' temperaturi għax-xhur kollha tas-sena rispettivament, għal dawn l-aħħar għaxar snin?

11/10/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 33
17/10/2022

**SERVIZZ TA' ĠBIR TAL-BORŻA TAL-ISKART RIĊIKLAT - LOKALITAJIET**

**3020. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jindika liema lokalitajiet għandhom is-servizz ta' ġbir tal-borża tal-iskart domestiku riċiklat għal ġurnata waħda biss fil-ġimgħa?

12/10/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant illi hemm tlieta u tletin lokalitajiet illi għandhom is-servizz ta' ġbir tal-borża tal-iskart domestiku riċiklat għal ġurnata waħda biss fil-ġimgħa. Il-lokalitajiet kkoncernati huma s-segwenti:

Mdina
Il-Birgu
Ħaż-Żebbuġ
Żabbar
Żejtun
Ir-Rabat Għawdex
Balzan
Birżebbuġa

Fontana
Gudja
Għarb
Għaxaq
Iklin
Kalkara
Kerċem
Marsaxlokk
Mqabba
Msida
Munxar
Nadur
Paola
Pembroke
Pieta`
Qrendi
Santa Luċija
Safi
Sannat
Tarxien
Xagħra
Xewkija
Xgħajra
Iż-Żebbuġ (Għ)
Iż-Żurrieq

Seduta 33
17/10/2022
**WASTESERV – BINI TAL-IMPJANT MULTI MATERIAL RECOVERY FACILITY**

**3030. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Intrapriża: Tista' l-Ministru tpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-grant agreement għall-fondi Ewropej li l-Wasterserv daħlet għalih b'rabta mal-bini tal-impjant Multi Material Recovery Facility f'Ħal Far?

12/10/2022

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Qiegħda npoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra kopja tal-grant agreement.

Seduta 33
17/10/2022

**PROĠETTI PRINĊIPALI TAT-TOROQ**

**3049. L-ONOR. RYAN CALLUS** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista’ l-Ministru jagħti data definittiva meta se jitlestew il-proġetti prinċipali ta’ dawn it-toroq:
a. Il-Flyover tal-Airport;
b. Il-Flyover ta’ Ħal Luqa; u
L-Imrieħel Underpass?

13/10/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-Mrieħel Underpass Project għandu jitlesta sa tmiem din is-sena. Infrastructure Malta ppjanat dan il-proġett biex ittejjeb l-impatti poħittivi ta’ Central Link Project f’Ħ’Attard, Ħal Balzan, Birkirkara u l-Imrieħel. Il-mina ġdida tal-Imrieħel, li nfetħet bħal-lum ġimgħa, tgħaqqad Triq l-Imdina mal-Bypass tal-Imrieħel, fil-junction ħdejn l-uffiċini tal-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA).

Din il-mina se tifforma parti mill-junction tar-roundabout ġdida flok is-sistema tat-traffic lights li kien hemm qabel f’salib it-toroq bejn Ħal Balzan, Birkirkara u l-Imrieħel. Permezz tal-mina, l-fluss prinċipali tat-traffiku li minn Triq l-Imdina, f’Ħal Balzan ikun sejjer lejn il-Bypass tal-Imrieħel (Vjal ir-Royal Malta Artillery), ser jinfired mill-bqija tal-traffiku li jaqsam kontra xulxin f’din il-junction.

Kirkop Tunnels and Airport Intersection Project (KTAIP) u Luqa Junction Project, li qed jinbnew biswit xulxin, huma l-ikbar żewġ proġetti li Infrastructure Malta qed taħdem fuqhom din is-sena fit-toroq arterjali. Kif kien ippjanat l-ewwel korsiji ta' KTAIP, b'konnessjoni aħjar minn Ħal Far lejn ir-roundabout tal-Ajruport, infetħu fl-ewwel nofs tas-sena u bħalissa qed jinbnew il-mina ħdejn l-ajruport u ż-żewġ flyovers. Rotot oħrajn ġodda li jagħmlu parti mill-proġetti se jinfetħu fix-xhur li ġejjin. Dawn iż-żewġ proġetti huwa mmirat li jitlestew sa nofs is-sena d-dieħla u flimkien ser inaqqsu l-ħin tal-ivvjaġġar f'din ir-rotta b'aktar minn 70%, li jfisser ukoll tnaqqis kbir fit-tniġġis tal-arja u l-istorbju mill-konġestjoni.

Seduta 33
17/10/2022

**KUMPANIJI RREĠISTRATI**

**3059. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija ġiet irreġistrata fl-2021 u fl-ewwel sitt xhur tal-2022?

13/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI: ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinstab hawn taħt:

| Sena | Kumpaniji reġistrati |
|---|---|
| 2019 | 4,285 |
| 2020 | 3,228 |
| 2021 | 3,387 |
| Jan-Gunju 2022 | 1,407 |

Seduta 33
17/10/2022

Seduta 33
17/10/2022

**KUMPANIJI RREĠISTRATI – AZZJONISTI BARRANIN**

**3060. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija rreġistrata fl-2021 u fl-ewwel sitt xhur tal-2022 għandha azzjonisti barranin?

13/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI: ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba tinsab hawn taħt:

| Sena | Kumpaniji reġistrati |
|---|---|
| **2019** | **3,326** |
| **2020** | **2,349** |
| **2021** | **2,362** |
| **Jan-Gunju 2022** | **925** |

Seduta 33
17/10/2022

Seduta 33
17/10/2022

**KUMPANIJI RREĠISTRATI – ISSUED SHARE CAPITAL**

**3061. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija rreġistrata fl-2021 u fl-ewwel sitt xhur tas-sena 2022 għandha Issued Share Capital li jaqbeż il-minimu stabbilit fil-liġi?

13/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill- Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba dwar il-kumpaniji reġistrati li għandhom Issue Share Capital li jaqbez il-minimu stabbilit fil-liġi jigifieri b' issued share capital ta' € 1,166 jew iktar, tinstab hawn taħt:

| Sena | Kumpaniji reġistrati |
|---|---|
| 2019 | 4,048 |
| 2020 | 3,039 |
| 2021 | 3,207 |
| Jan-Gunju 2022 | 1,340 |

Seduta 33
17/10/2022

**KUMPANIJI LI ĠEW STRUCK OFF**

**3062. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija ġiet struck off fl-2021 u fl-ewwel sitt xhur tal-2022?

13/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI: ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba dwar kumpaniji li ġew struck off b'mod volontarju, struck off bil-Qorti, struck off wara merger jew division jew struck off bid-defunct procedure, jinsabu hawn taħt:

| Sena | Kumpaniji struck off |
|---|---|
| 2019 | 3,102 |
| 2020 | 13,474 |
| 2021 | 7,740 |
| Jan-Gunju 2022 | 1,158 |

Seduta 33
17/10/2022

Seduta 33
17/10/2022

**KUMPANIJI LI QEGĦDIN TAĦT LIQUIDATION**

**3063. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il kumpanija tqiegħdet taħt liquidation fl-2021 u fl-ewwel sitt xhur tal-2022?

13/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni titluba dwar l- kumpaniji li tqiegħdu taħt liquidation qiegħda hawn taħt:

| Sena | Kumpaniji taħt liquidation |
|---|---|
| 2019 | 1,944 |
| 2020 | 2,292 |
| 2021 | 2,108 |
| Jan-Gunju 2022 | 983 |

Seduta 33
17/10/2022

**PARTNERSHIPS EN NOM COMMANDITE U EN NOM COLLECTIF**

**3064. L-ONOR. MARIO DE MARCO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il partnership *en nom commandite* u *en nom collectif* ġew irreġistrati fl-2021 u fl-ewwel sitt xhur tal-2022?

13/10/2022

**ONOR. SILVIO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba dwar partnerships *en nom commandite* u *en nom collectif* registrati, tinsab hawn taħt:

| Sena | en nom commandite reġistrati | en nom collectif reġistrati |
|---|---|---|
| 2019 | 22 | 76 |
| 2020 | 21 | 35 |
| 2021 | 20 | 53 |
| Jan-Gunju 2022 | 10 | 49 |

Seduta 33
17/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR - PROĠETTI APPOĠĠJATI MID-DEVELOPMENT PLANNING FUND**

**3089. L-ONOR. DAVINA SAMMUT HILI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien in-numru ta' proġetti appoġġjati sa mill-2017 mill-Awtorità tal-Ippjanar permezz tad-Development Planning Fund? X'kien il-finanzjament ġenerali allokat għal dawn il-proġetti?

13/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 33
17/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – SKEMI FAVUR IL-KONSERVAZZJONI TAŻ-ŻONI ĊENTRALI URBANI**

**3090. L-ONOR. DAVINA SAMMUT HILI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kemm kienu l-familji li bbenefikaw minn skemi ta' għotjiet maħruġa mill-Awtorità tal-Ippjanar favur il-konservazzjoni taż-żoni ċentrali urbani tagħna? X'kien il-finanzjament totali mogħti permezz ta' dawn l-iskemi?

13/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Ninforma lill-Onorevoli Interpellant li l-informazzjoni mitluba għadha qed tinġabar.

Seduta 33
17/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – INFRASTRUTTURA TA' SPATIAL DATA NAZZJONALI**

**3091. L-ONOR. DAVINA SAMMUT HILI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid x'qed tagħmel l-Awtorità tal-Ippjanar biex tiżgura li Malta jkollha infrastruttura ta' spatial data nazzjonali? X'għodod ta' tixrid żviluppat l-Awtorità biex tqassam u tirrapporta d-data lill-pubbliku?

13/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Awtorità tal-Ippjanar għandha żewġ inizjattivi ewlenin biex tiġi disseminata informazzjoni spatial data nazzjonali. Dawn huma il-portal SintegraM, li huwa frott fondi Ewropej, illi ħoloq infrastruttura li biha entitajiet governattivi ikollhom repożitorju ta' spatial data filwaqt illi tista' tkun aċċessibbli għal entitajiet oħra. Il-pubbliku jista' jaċċessa partijiet minn din l-informazzjoni. L-Awtorità għandha wkoll il-mapserver tagħha illi fih minjiera ta' spatial data illi hija aċċessibbli għal kullħadd. Ta' min isemmi illi l-Awtorità hija l-entità responsabbli mid-direttiva INSPIRE. L-Awtorità tieħu ħsieb illi tinġabar spatial data meħtieġa mid-direttiva u din tkun aċċessibbli fuq skala Ewropea.

Seduta 33
17/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PROMOZZJONI U APPOĠĠ FIL-QASAM TAT-TEKNOLOĠIJA ĠEOSPAZJALI**

**3092. L-ONOR. DAVINA SAMMUT HILI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid kif l-Awtorità tal-Ippjanar qed tippromwovi u tappoġġja lill-persuni li jaħdmu fis-settur pubbliku biex javvanzaw il-kompetenzi tagħhom fil-qasam tat-teknoloġija ġeospazjali (Ġeomatika)?

13/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Awtorità kisbet fondi Ewropej biex nediet proġett li jissejjaħ SpatialTrain li kellu l-iskop li jħarreġ uffiċjali tal-gvern fil-qasam tal-ġeomatika. Ta' min jgħid li ħmistax-il student ġabu livell ta' Masters, wieħed livell ta' Baċellerat, tnejn u tletin livell ta' Diploma u wieħed u tletin livell ta' Ċertifikat. Dan il-proġett jintemm f'Diċembru li ġej permess ta' konferenza. B'hekk l-għarfien tad-dixxiplina tal-ġeomatika infirex mal-gvern kollu.

Seduta 33
17/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – BASEMAP ĠDIDA TA' MALTA**

**3093. L-ONOR. DAVINA SAMMUT HILI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'rabta mal-basemap il-ġdida għal Malta, li tnediet fl-2020, jista' l-Ministru jgħid x'qed tagħmel l-Awtorità tal-Ippjanar biex tiżgura li din tibqa' aġġornata u relevanti għall-ħtiġijiet tal-lum?

13/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** L-Awtorità tal-Ippjanar nediet il-mappa bażi ġdida fl-2018. Il-proċess ta' tiġdid beda fl-2020 billi qed jintużaw droni li bihom qed tinġabar informazzjoni aġġornata tal-lokalitajiet ta' Malta u Għawdex. Sa issa tlesta Għawdex kollu u sittax il-lokalità f'Malta.

Seduta 33
17/10/2022

**AWTORITÀ TAL-IPPJANAR – PERMESSI TA' ŻVILUPP – XOGĦLIJIET TA' RESTAWR JEW RIJABILITAZZJONI**

**3094. L-ONOR. DAVINA SAMMUT HILI** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jgħid f'dawn l-aħħar ħames snin, kemm kien in-numru ta' permessi ta' żvilupp (maqsuma skont kull lokalità) li ħarġet l-Awtorità tal-Ippjanar li kienu jinvolvu xogħlijiet ta' restawr jew riabilitazzjoni?

13/10/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** B'referenza għall-mistoqsija parlamentari numru 3094, qed inpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi n-numru ta' applikazzjonijiet approvati mill-Awtorità tal-Ippjanar mill-1 ta' Ottubru 2017 sal-aħħar ta' Settembru 2022, sena b'sena, maqsuma b'kull lokalità, fejn id-deskrizzjoni tal-proposta tinkludi kliem relatati ma' restawr jew riabilitazzjoni.

Seduta 33
17/10/2022